**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Marzu 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 110/2013 AL
*Fl-ismijiet:*

**A G C (KI 656355M)**

**vs**

**B D (KI 390955M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

1. *Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 21 ta' Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak, li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.*

2. *Illi f'dan il-kuntratt gie pattwit fost ohrajn li A G C kellu jhallas lill-intimata*

[1] Fol. 1.

*s-somma ta' mija u sittax-il lira Maltin (LM 116) fil-ġimgħa ekwivalenti għal €270.20 bħala manteniment għaliha, liema somma tawmenta kull sena skont iż-żidiet għall-għoli tal-ħajja, u dan kif jirriżulta aħjar mill-klawsola numerata tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt. L-ulied tal-kontendenti laħqu l-eta' maġġorenni u huma finanzjarjament indipendenti.*

3. *Illi l-partijiet qablu u ftiehmu fl-istess klawsola numerata 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni li din ir-retta alimentarja '**tista' tiġi varjata bil-kunsens taż-żewġ komparenti jew fin-nuqqas bl-ordni tal-Qorti**'.*

4. *Illi din ir-retta alimentarja, kif issa miżjuda wkoll skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja b'mod li żdiedet drastikament u ser tkompli tiżdied, hi waħda eżorbitanti u qed tiġi kaġunata tbatija kbira lir-rikorrent, billi l-qagħda finanzjarja tiegħu tbiddlet radikalment għall-agħar mill-iffirmar ta' tali kuntratt, anke minħabba l-istat ta' saħħtu u l-eta' tiegħu b'tali mod li l-istess rikorrent ma jistax iħallas aktar din ir-retta alimentarja hekk qawwija.*

5. *Illi kif ingħad ir-rikorrent qed iqarreb l-eta' pensjonabbli.*

6. *Illi inoltre' l-intimata għandha sorsi oħra ta' introjtu, u aktar minn hekk, il-manteniment jitħallas skond il-mezzi ta' min qed jissomministrah, u skont il-bżonnijiet ta' min jirċevih u dan il-kriterju m'huwiex qed jiġi rispettat fil-każ odjern u fiċ-ċirkustanzi tal-lum.*

7. *Illi għaldaqstant il-ftehim kif kontenut fil-klawsola numru 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat il-21 ta' Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak jiġi modifikat, billi r-rikorrent jinħeles mill-obbligu tiegħu li jmantni lill-intimata, jew jekk din l-Onorabbli Qorti tiċħad din it-talba, li l-obbligu tar-rikorrent li jissomministra manteniment lill-intimata jiġi ridott.*

8. *Illi wkoll fl-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu ftehmu illi '**l-komparenti B C qiegħda tassenja u titrasferixxi lill-komparenti A G C aċċettanti n-nofs indiviż rappreżentanti sehemha mill-bonds, stocks u ishma kollha li għandha investiti kemm f'isimha personali kif ukoll f'isem ir-raġel jew f'isem l-istess konjuġi C**'. Illi l-istess intimata naqset minn dan l-obbligu tagħha u m'onoratx dak pattwit.*

9. *Illi l-intimata ġiet interpellata sabiex tersaq għal ftehim dwar dak sudett iżda inutilment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

10. *Illi r-rikorrent ġie debitament awtorizzat sabiex jintavola din il-kawża skont ma jirriżulta mid-digriet datat il-15 t'April 2013 li qed jigi anness u markat bhala Dokument B.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li hemm raġunijiet validi għala l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata għandu jieqaf;*

2. *F'każ li l-ewwel talba tiġi miċħuda, tiddikjara li hemm raġunijiet validi għala l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata għandu jiġi mnaqqas;*

3. *Tordna għaldaqstant it-twaqqif għal kollox jew it-tnaqqis tal-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata skont il-każ u konsegwentement tvarja u timmodifika l-klawsola numerata tlieta (3) tal-kuntratt fuq imsemmi f'dan is-sens;*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimata kissret il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni u m'onoratx l-obbligi tagħha meta m'assenjatx lir-rikorrent is-sehem tagħha mill-bonds, stocks u ishma kollha msemmija fl-istess kuntratt li kellhom jiġu assenjati lir-rikorrent;*

5. *Tikkundanna għalhekk lill-intimata sabiex tassneja s-sehem tagħha minn dawn il-bonds, stocks u ishma lir-rikorrent u jekk l-istess m'għadhomx jeżistu jew jekk naqas il-valur tagħhom mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, l-intimata tiġi għalhekk ikkundannata li tħallas lir-rikorrent il-valur tal-istess bonds, stocks u ishma fid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, b'żieda mal-imgħaxijiet skont il-liġi;*

6. *Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi kif jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in vista tat-talbiet preċedenti u tinnomina kuraturi biex jidhru fuq dan l-att minflok*

*l-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta,[2] fejn ġie eċċepit:

*Illi filwaqt illi l-esponenti taqbel mal-ewwel tliet paragrafi tar-rikors ġuramentat, ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet fil-paragrafi l-oħra stante li huma inveritieri u nfondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża. L-esponenti tirriserva li tressaq xhieda in sostenn.*

*Illi ghalhekk l-esponenti topponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:*

1. *Illi premilinarjament l-esponenti tissottometti illi l-ewwel talba tar-rikorrent hija insostenibbli ahat l-principju ta' pacta sunt servanda; il-partijiet permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni qablu illi l-manteniment jigi varjat u bl-ebda mod ma kien hemm ftehim li jista' jigi sospiz jew addirittura imwaqqaf u ghalhekk din it-talba hija opposta u ghandha tigi michuda;*

2. *Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu fattwalment illi jeżistu raġunijiet validi għalfejn il-manteniment tal-esponenti għandu jieqaf u dana l-għaliex in-negozzju li jiġġestixxi r-rikorrenti mhux biss ma marx lura, minn mindu l-partijiet isseparaw, iżda talli tkattar, fis-sens illi minn ħanut wieħed illum jeżistu ħamsa u dan oltre dħul li r-rikorrent għandu minn fashion shows, programmi tat-televiżjonijiet u diversi korsijiet;*

3. *Illi l-esponenti qed topponi wkoll għat-tieni talba tar-rikorrent u ċioe` illi l-manteniment tagħha għandu jitnaqqas u dana l-għaliex, fl-ewwel lok mhux minnu li ċ-ċirkostanzi tar-rikorrent marru għall-agħar, anzi pjuttost marru għall-aħjar u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża; tajjeb li jigi rilevat li jekk illum il-ġurnata r-rikorrent għażel li jerġa' jibda familja* ohra, *meta huwa għadu miżżewweġ lill-esponenti, m'għandhiex tbati l-esponenti għal tali għażla; wkoll llum il-ġurnata hija mara ta' ċerta eta` qatt ma hadmet u*

[2] Fol. 22.

*għalhekk huwa diffiċli li hija ssib impjieg;*

4. *Illi konsegwentement l-esponenti qiegħda wkoll topponi għat-tielet talba attriċi u dana stante illi kif ser jirriżulta mill-provi, ma jeżistux raġunijiet validi u ammissibli fil-liġi għalfejn it-tielet klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet għandha tiġi varjata jew addirittura l-manteniment imwaqqaf;*

5. *Illi fir-rigward għar-raba' talba, mhuwiex minnu li hija ma assenjatx is-sehem taghha mill-istocks, bonds u ishma; fil-fatt l-esponneti iffirmat l-inkartament kollu relattiv sabiex isir dan it-trasferiment u kien ir-rikorrent li ma accettax li jircievi dawn id-dokumenti u jipprocessahom; ghalhekk l-esponenti qieghda topponi għall-istess u dan l-għaliex mhux biss hija ma kissret l-ebda kondizzjoni tal-kuntratt, iżda kien propju r-rikorrent illi kiser il-kondizzjonijiet tal-istess meta fl-ewwel lok huwa rrifjuta illi jħallas għall-għoli tal-ħajja minnu dovut skont l-istess kuntratt u fit-tieni lok huwa anke naqas milli jħallas lill-esponenti l-ammont li huwa obbliga ruħu li jivversa favur l-istess ai termini tal-artikolu 4(d) tal-istess kuntratt; tant illi l-esponenti ma kelliex għażla oħra għajr li tintavola mandat ta' sekwestru kontra r-rikorrenti żewġha u anke tieħu passi kriminali kontra l-istess;*

6. *Illi invista ta' dak sottomess fil-hames paragrafu, l-esponenti topponi wkoll għall-hames talba tar-rikors ġuramentat hekk kif intavolat mir-rikorrent stante li mhuwiex minnu li hija ghandha taghti lil zewgha, imma l-kuntrarju;*

7. *Illi l-esponenti finalment topponi wkoll għall-aħħar talba tar-rikorrent u dan l-għaliex m'hemm l-ebda raġuni valida għalfejn il-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Lulju 1999 in atti tan-Nutar Nathalie Pace Axiaq għandu jiġi rivedut u/jew emendat;*

8. *Finalment, l-esponenti qed topponi għall-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.*

*Salv eċċezzjonijiet u risposti ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti eżebiti mill-istess xhieda;

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Abigail Critien, ippreżentat nhar is-16 ta' Frar 2021 u maħluf nhar it-22 ta' Marzu 2021;[3]

Rat illi għalkemm fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2021 il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur sabiex permezz ta' nota jressaq id-domandi in eskussjoni tar-rapport tal-Perit Legali,[4] tali fakolta' xorta waħda ma ġietx sfruttata;

Rat illi l-attur ma ressaqx nota ta' sottomissjonijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;[5]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[6]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, u dan senjatament minħabba n-nota ta' sottomissjonijiet tal-kovenuta, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħadet konjizzjoni tal-proċessi kollha li flimkien isawru l-każ odjern li ilu għaddej għal disa' (9) snin.

## 1. Ir-Rapport tal-Perit Legali:

Il-Perit Legali Dr Abigail Critien ġiet maħtura għal tali skop permezz ta' digriet datat 9 ta' Ottubru 2013,[7] fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha żammet

[3] Fol. 2623.
[4] Fol. 2673.
[5] Fol. 2675.
[6] Fol. 2674.
[7] Fol. 26.

numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat u inkludiet fir-rapport tagħha r-rikors promotur u r-risposta ġuramentata, hija kompliet tirrileva s-segwenti:

5. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-każ odjern u abbażi tal-provi kollha mressqa mill-partijiet, id-dokumentazzjoni esebita, l-ġurisprudenza u l-insenjamenti applikabbli tippreżenta r-rapport odjern;*

6. *Ix-xhieda tal-partijiet:*

***<u>G A C</u>***

**L-attur** *jippreżenta l-affidavit tiegħu*[8] *u jagħti l-isfond tal-kawża odjerna billi jgħid li hu legalment separat mill-intimata permezz ta' kuntratt pubbliku datat il-21 ta' Lulju 1999 u jispjega wkoll l-obbligu tal-manteniment tiegħu versu l-istess intimata ai termini tal-imsemmi kuntratt. Jagħti ftit retro-xena tal-karriera tiegħu fil-qasam tax-xagħar u jgħid ukoll kif saret l-espansjoni tal-ħwienet u l-ispejjeż li naturalment ġew ma' tali espansjoni. Jispjega wkoll li kellu 3 itfal oħra minn terz u li ried jagħtihom l-istess trobbija li kien ta lil ulied li għandu mal-intimata. Jgħid li l-ispejjeż dwar tali ulied jammontaw għal madwar €12,000 fis-sena.*

*Jispjega wkoll li għalkemm hu personalment kien strumentali biex ikabbar il-klijentela tiegħu, xi għaxar snin qabel ma ġie ntavolat tali affidavit u allura għall-ħabta tas-sena 2007 beda jbati minn uġiegħ f'ġenbejh bil-konsegwenza li ma setax jagħmel ħin twil fuq saqajh u allura kien kostrett inaqqas mis-siegħat li jqatta' fil-ħwienet u jdaħħal l-impjegati biex jissostitwuh. Dan wassal għal nuqqas t'introjtu b'mod drastiku. Wasal ukoll sabiex ikollu jopera ruħu għaliex l-uġiegħ kien insapportabbli. Bejn dawn il-kwistjonijiet ta' saħħa u bejn il-fatt li l-ispejjeż baqgħu jikbru u l-kompetizzjoni hija kbira ħafna, l-introjtu tiegħu naqas drastikament. Jispjega wkoll li kellu problemi relatati ma' serq mill-impjegati tiegħu stess kif ukoll impjegati li fetħu għal rashom u ħadu magħhom il-klijentela u b'hekk spiċċa biex beda jagħlaq il-ħwienet wieħed wieħed biex spiċċa biex jopera minn dak tal-Gżira u sehem mill-ħanut tal-Plaza f'Tas-Sliema. Jispjega li fiż-żmien ta' tali affidavit, kellu l-intenzjoni li jbiegħ il-ħanut lill-kumpanija Art Linea bil-loans kollha naturalment bil-kunsens tal-Bank li għamel kondizzjoni li jħallas il-loan fis-somma ta' €26,000. Huwa fid-dawl ta' dan kollu li jispjega li qiegħed obbligat li jħallas manteniment lil martu li għandha introjtu aħjar*

[8] Ara a fol 533 tal-proċess.

*minnha. Jgħid li l-intimata ma tridx tilħaq kompromess u jżid jgħid li qed tirrifjuta li titrasferixxi s-somma ta' £5814.15 li ġew depositati f'kont bankarju mal-Midland Bank Plc. Dwar dan jippreżenta dokumentazzjoni li hi konsistenti f'ittri interpellatorji da parti tal-attur fil-konfront tal-intimata*[9]*, ittra li ntbgħatet mill-partijiet lill-Midland Bank Plc*[10] *u ittra interpellatorja mibgħuta lill-intimata sabiex tiffaċilita l-iżbank ta' dan l-ammont permezz ta' prokura li skont l-istess attur qatt ma ffirmat*[11]*.*

*Iżid jgħid li llum-il ġurnata waqaf jaħdem kompletament peress li għadu kif applika għall-pensjoni*[12] *u għalhekk, wara li biegħ 2 garaxxijiet li kienu ġew trasferiti lilu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni u biegħ ukoll xi stocks u wara li għalaq numru ta' ħwienet, tenut kont tal-fatt li jrid imantni 3 itfal minuri li għandu ma' terz jiddikjara li b'mod ċert ser ikun qed jiddependi biss fuq il-pensjoni mensili, dividends tal-BOV u kwalunkwe qliegħ limitat mis-shares tal-ħanut Plaza u għalhekk jibża' li mhux ser ikun biżżejjed biex ikompli jħallas il-manteniment li hu obbligat li jħallas skont il-kuntrat ta' separazzjoni.*

*Jagħlaq l-affidavit tiegħu billi jgħid li dejjem onora l-obbligi tiegħu li jħallas il-manteniment minkejja d-diffikultajiet finanzjarji li sab ruħu fihom pero' jħoss li hu inġust illi l-intimata tkompli tfaddal, tinvesti u tiddandan għad-detriment tiegħu u ta' familtu. Jgħid li l-intimata biegħet appartament għas-somma ta' €80,000, xtrat appartament f'Għawdex għan-neputi tagħha għas-somma ta' €28,000 u xtrat penthouse f'Santa Venera u dan apparti l-ħwienet li għandha fil-Qawra li wieħed minnhom reġistrat fuq bintha u li qed tikri.*

*Imbagħad in kontro-eżami*[13] *jiddikjara li ma jaħdimx bħala ħaddiem pero' direttur u għalhekk imur is-salon jara. Jikkonferma li ġieli jissostitwixxi lil xi ħadd pero' penzjonant. Direttur ta' Strada Plaza li għandu x-shares minnha pero' ma jieħu xejn minnha. Il-ħwienet Tony and Guy ma jaqgħux taħt Strada Plaza imma taħt kumpanija differenti u ċioe' Art Linea u Strada Plaza – fil-veB' Tony and Guy hija trade name u tirrappreżenta lili. Jiddikjara li bħala direttur ma jirċievi ebda introjtu u li l-introjtu tiegħu hu mill-penzjoni u mill-partner tiegħu Penelope Tabone li pero' ma ttihx flus iżda tipprovdi għalih. Penelope direttriċi*

[9] Ara Dok. A anness mal-affidavit tal-attur esebit a fol 537 sa' 538 tal-proċess.
[10] Ara Dok. B anness mal-affidavit tal-attur esebit a fol 539 tal-proċess.
[11] Ara Dok. Ċ anness mal-affidavit tal-attur esebit a fol 540 tal-proċess.
[12] Ara Dok. D anness mal-affidavit tal-attur esebit a fol 541 tal-proċess.
[13] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata t-3 ta' Mejju 2019.

*ta' Art Linea u kollox qiegħed fuqha u qaleb kollox fuqha fl-aħħar 3 snin qabel tali xhieda biex jieħu penzjoni u għandha share ta' 50% minn Strada Plaza. Art Linea u Strada Plaza ilhom fis-seħħ xi 17-il sena jew 20 sena. Jaħseb li dak iż-żmien kien diġa' sseparat minn mal-intimata.*

***B D***

***L-intimata***[14] *in subizzjoni tgħid li hi u l-attur ilhom separati legalment mis-sena 1999 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali li permezz tiegħu ġiet assenjata propjeta' ġewwa Pembroke li kien għadu shell-form, (mingħalija kollu kien shell-form) u tgħid li lanqas is-saqaf ma kien lest għax ix-xorok kien mikxuf. Dan kien post ġdid u l-aġent qalli biex infittex inbiegħu għax kollox kien ser jaqa' u ingħatajt il-parir li nibża għalih. Il-ftehim kien li jien nieħu dan il-fond u r-raġel jieħu l-franchise ta' Tony and Guy. Tgħid li ma nafx kemm xtrat is-sehem li kellu r-raġel fuq dan il-fond ta' Pembroke u li minkejja li ġie suġġerit lilha li dan is-sehem kien LM40,000 tgħid li ma tiftakarx. Dan il-post eventwalment biegħejtu għal LM 50,000.*

*Jekk kienitx ħadet flus kontanti fuq il-kuntratt ta' separazzjoni tgħid li ma tiftakarx pero' tgħid li tista' tivverifika. Tiftakar ukoll li ħadet appartament bl-indirizz Orlando Apartment A, Qawra Coast Road, Qawra. Din kienet id-dar matrimonjali li ġiet assenjata lill-intimata fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Il-LM 50,000 li kienet irċeviet mill-propjeta' ta' Pembroke ma kellhiex għalfejn tużhom biex tixtri post fejn toqogħod u dan għaliex kellha l-propjeta' tal-Qawra. Bil-LM 50,000 xtrat ħanut il-Qawra. Il-ħanut huwa class 4 u xtratu ftit wara li l-partijiet isseparaw. Preżentament il-ħanut magħluq. Il-ħanut xtratu biex ikollha introjtu u fil-fatt kont krejtu pero' issa magħluq. Kienet tikrih għall-ewwel 14 euros kull jum imma mbagħd inżilt għal 4 euros kull jum u bħalissa m'hemm ħadd fih. Kien jinkera għal ftit żmien u jerġa' jingħalaq wara ftit xhur għax ituni ċ-ċwievet wara ftit xhur. Tgħid li ma taħsibx li għandha kopji tal-kuntratti tal-kera pero' żżid tgħid li kien hemm drabi fejn saru quddiem in-Nutar Dorianne Arapa u n-Nutar li għamlitilhom is-separazzjoni, Nathalie Pace Axiaq. L-intimata tispjega li kienet tgħid li lanqas ħaqq kienet tagħmel l-ispejjeż legali għax il-kerrejja kienu jtuha ċ-ċwievet ftit xhur wara. L-introjtu tal-kera kienet tużah għall-bżonnijiet tagħha. Dan il-ħanut xtratu LM 13,000 u għadu għandha sal-lum għalkemm fiż-żmien ta' tali xhieda kien ilu magħluq xi 6 xhur u qiegħed għall-kiri. Tiddikjara li dak inhar*

[14] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata s-7 ta' Jannar 2014.

*stess ta' tali xhieda kellha offerta li jinkera għal 10 euros kull jum lil xi terapista. Dwar il-bilanċ mill-Lm50,000 l-intimata tgħid li ma xtrat l-ebda proprjeta' oħra. Ġie ssuġġerit li xtrat garaxx bl-isem 'Marcon Court' fi Triq il-Qawra, Qawra, pero' l-intimata tgħid li dan xtrah it-tifel u mhux hi. Murija kopja tal-insinwa li permezz tiegħu jidher li kienet hi li xtrat dan il-garaxx[15] l-intimata tgħid li għalkemm il-garaxx jidher li huwa f'isimha, fil-veB' dan tħallas mit-tifel Bjorn li dak iż-żmien kellu 20 sena u kien jaħdem fil-kompjuters. Dak iż-żmien kien jaqla' introjtu tajjeb u llum jaqla' aktar b'dan li tiddikjara wkoll li jgħinha finanzjarjament għax fiż-żmien ta' tali xhieda kienet ilha ma tieħu manteniment minn Awwissu 2013. Taqbel li tirċievi cheque ta' manteniment li pero' ma jissarrafx għax il-kont blocked u għalhekk tmur l-għassa tagħmel rapport. Tiddikjara li taf li r-raġel għandu kont bankarju ieħor li minnu jagħmel il-pagamenti tal-pagi tal-impjegati tiegħu.*

*Dwar l-għajnuna li jagħtiha t-tifel Bjorn l-intimata tgħid li mhux dejjem jagħtiha l-istess ammont fix-xahar u jgħinha wkoll fl-ispejjeż tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-ħajja. Tgħid ukoll li l-ħanut ta' ħdejn il-ħanut li xtrat hi huwa tat-tifla, Abigail Stivala u żewġha - ħallsuh huma mingħajr l-għajnuna tagħha. Għalkemm tiddikjara li tali ħanut (ta' bintha u r-raġel tagħha) ġieli nkera, qatt ma kont involuta fin-negozjar tal-kiri tiegħu b'dan pero' li ġieli ġabret il-kera għan-nom ta' bintha. Minn din il-kera tal-ħanut ta' bintha tiddikjara li qatt ma ħadet xejn.*

*L-intimata tgħid li għamlet garanzija u ċioe' ħallset €30,000 għad-dejn li ħalla missier in-neputi tagħha Neil C biex b'hekk salvatlu l-propjeta' fil-Fontana Għawdex li kien wiret mingħand missieru għax kieku kien jieħdu l-bank. It-tifla, Ilona C qed tħallasha lura dan l-ammont mill-benefiċċju tas-single mothers permezz ta' pagamenti ta' €200 fix-xahar u meta Neil jagħlaq it-18-il sena, l-proprjeta' taqa' fuqu. Tiddikjara li preżentament dan l-appartament għandha l-pussess tiegħu u l-użufrutt[16].*

*Tkompli tixhed li lit-tifla Abigail kienet għinitha wkoll fit-tieġ għax missierha tagħha Lm1000 bil-patt u l-kundizzjoni li ma tgħid lil ħadd dwarhom minħabba l-partner tiegħu. Tgħid li dak iż-żmien setgħet tgħinha għax il-partijiet kienu għadhom kif isseparaw u kellha minn fejn. Lil missierha talbitu l-għajnuna finanzjarja pero' ma tahiex u ħarġet tibki. Il-flat fejn tgħix bintha għadu bid-dejn.*

[15] Ara Dok. X esebit a fol 91 tal-proċess.
[16] Ara l-insinwa relattiva li minnha jirriżulta l-użufrutt favur l-intimata u t-trasferiment tal-flus imsemmija mmarkata bħala Dok. Y esebita a fol 90 tal-proċess.

*Tikkonferma li fis-sena 2012 kien taha xi €3000 relatati ma' insurance Eagle Star, pero' tisħaq li l-attur ħa ħafna aktar minnha.*

*Tagħlaq dik ix-xhieda tagħha billi tgħid li qatt ma kellha rġiel oħra għax ma tridx tisma' b'irġiel. Iċ-ċekk li ma jissarrafx tal-manteniment huwa ta' €560 kull ħmistax il-ġurnata u tiddikjara li l-aħħar li ħadet il-manteniment kien f'Lulju 2013 pero' ngħid li mhux mill-bidu kien dan l-ammont għax l-ammont tela' bl-għoli tal-ħajja. Tgħid ukoll li ma taħdimx u li għandha kważi 59 sena. Qagħdet id-dar ma' wliedha għax missierhom telaqhom u ma jridx jaf bihom. Telaq mid-dar 4 snin qabel ma sseparajna legalment. Meta sseparaw Bjorn kien għadu minuri, kellu xi 17-il sena iżda meta l-attur telaq mid-dar Bjorn kellu 13-il sena.*

*L-intimata in eżami*[17] *u b'referenza għall-kuntratt li ġie esebit man-nota li ġiet preżentata seduta stante fl-istess seduta ta' tali xhieda u ċioe' t-30 ta' Settembru 2014 rigward il-fond 2, Triq il-Qawra, Qawra ġiet mistoqsija jekk tali fond għadux għandha u tikkonferma fl-affermattiv. Tgħid li ma tgħix f'dan il-fond peress li dan huwa ħanut li nkera lil terzi f'Awwissu 2014. Bejn is-sena 2006 u s-sena 2014 ġieli nkera pero' kienu jagħtuha ċ-ċwievet lura malajr għax ma jaqbdux. L-inkwilini li hemm illum qatt ma kienu krew il-ħanut qabel. L-inkwilina jisimha Elizabeth, l-ħanut qed jintuża bħala bazaar u l-kirja hija preżentament għal-6 xhur. L-intimata tiddikjara li tgħix f'Orlando Apartement 8, Qawra Coast Road, Qawra li huwa propjeta' tagħha li ġie assenjat lilha fis-separazzjoni.*

*Imbagħad għal darb'oħra in subizzjoni*[18]*, mistoqsija dwar il-bilanċ li għandha ttiha Ilona mis-somma oriġinali ta' madwar €28,000 l-intimata tgħid li ma nafx kemm hu pero' ser tivverifika. Tiddikjara pero' li Ilona tħallasha madwar €300 fix-xahar pero' ġieli jkun hemm xhur fejn ma tħallasx għax qed tieħu kors tax-xagħar. Ma tagħtiha ebda riċevuta pero' żżomm il-bilanċ. L-intimata tiddikjara li għamlet opra ta' kaB' man-neputi Neil C u li dawn kienet ħallsithom milli kienet tfaddal. Iddikjarat li f'Ġunju kienet ser tagħlaq sena li biegħet l-appartament 'Orlando' li biegħet għal €120,000. L-appartament 'Orlando' kien taż-żwieġ u ġie għandha bis-separazzjoni. Żżid tgħid li riċentement xtrat penthouse f'B'Kara ta' 2 bedrooms li xtratu għall-ammont ta' €128,000. Dan għadu mhux furnished għax lanqas bibien m'għandu. Tiddikjara li l-appartament St. Chris f'Qawra*

[17] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata t-30 ta' Settembru 2014.
[18] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata s-7 ta' Marzu 2016.

*Road Qawra hu tagħha wkoll pero' ħadt ma jridu għax mimli wirdien għax qiegħed mal-livell tal-bankina.*

*Imbagħad għal darb'oħra in subizzjoni*[19] *b'referenza għal Dok RG3*[20] *esebit man-nota preżentata fl-istess ġurnata tas-seduta (u ċioe' l-1 ta' Lulju 2016)*[21] *tgħid li tali ftehim sar ftit wara li għamlet tajjeb għan-neputi. Tiddikjara li qed tirċievi l-pagamenti mingħand bintha pero' tgħid li 'l quddiem, meta n-neputi jkollu l-eta' jista' jpattilha hu permezz ta' proċeduri l-Qorti. Tgħid li rċeviet s'issa l-pagamenti li jirriżulta minn Dok RG3 li huma flusha. Tispjega li dan id-dokument ġie preparat minn Sergio Darmanin (l-accountant tagħha) u ffirmaw quddiemu. L-intimata tgħid li għandha 61 sena pero' pensjoni ma tieħux għax qatt ma ħallset bolla. Fi żmien li G kellu G's creation kienet taħdem pero' ma kienitx tħallas bolla. Dan kien 38 sena ilu. Tgħid li għadha ma marritx tgħix Birkirkara minħabba l-flus għax m'għandhiex biex tkomplih peress li xtratu f'advanced shell. Tiddikjara li qed tgħix St. Chris, Flat 2, Qawra Coast Road, Qawra li hu appartament tagħha li qed tipprova tbiegħ b'dan li talbet bejn €90,000 - €95,000.*

*L-intimata tippreżenta wkoll affidavit*[22] *li permezz tiegħu tispjega kif wara s-separazzjoni personali tagħhom, mill-ħanut li kellu l-attur bl-isem ta' 'G's Creations', kabbar in-negozju tiegħu billi fetaħ erbat iħwienet oħra fosthom is-Swieqi, l-Gzira, fil-Plaza Shopping Centre u l-Hilton Hotel. Kien fetaħ ukoll ħanut Għawdex pero' ingħalaq. Tispjega li hi baqgħet mara tad-dar u tul is-separazzjoni tagħhom li damet madwar tliet (3) snin l-attur ma kienx ħallielha flus u kienu jkunu l-familja tagħha li jagħtuha biex tgħajjex lil uliedha.*

*Tispjega li mis-separazzjoni, ġiet assenjata lilha Villa f'Pembroke u d-dar matrimonjali li kienet appartament fil-Qawra. Din il-Villa nbiegħet għall-prezz ta' LM 50,000 u hi kompliet tgħix fl-appartament tal-Qawra flimkien mat-tfal. Minn dawn il-flus għenet lit-tifla l-kbira fit-tieġ għaliex missierha m'għinhiex anzi kien qallha, "**ta' ommkom tagħkom u minn issa l-quddiem, ħa nibni familja oħra**" u xtrat ħanut fil-Qawra li mbagħad bdiet tikrieh għall-prezz ta' sitt ewro kulljum.*

---

[19] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-1 ta' Lulju 2016.
[20] Ara a fol 522 tal-proċess.
[21] Liema nota hija esebita a fol 509 tal-proċess.
[22] Ara n-nota tal-intimata mmarkata bħala Dok. RS1 esebita a fol 2561 (liema affidavit jinsab esebit a fol 2568 tal-proċess).

*Tkompli tispjega li tul is-separazzjoni l-attur kellu mara oħra, Penelope Tabone, li dak iż-żmien kellha biss sbatax-il sena u kienu qed jistennew li jkollhom tarbija u li maż-żmien kellhom 3 ulied flimkien.*

*Tirrepeti dak li kienet xehdet in subizzjoni u ċioe' li għamlet tajjeb għall-appartament li wiret in-neputi tagħha f'Għawdex wara l-mewt ta' missieru u tgħid ukoll li kienet għenietha wkoll Abigail (it-tifla l-kbira) billi tagħtha madwar €2000. Bintha Illona Illona minn dak iż-żmien baqgħet tħallasha lura.*

*Tikkompara l-ħajja li kellha mal-attur meta kienu għadhom flimkien u tgħid li kienu jgħixu komdi ħafna u qatt ma kien jonqoshom xejn pero' ma kienux jgħixu l-ħajja ta' lussu li qed jgħix l-attur issa lanqas.*

*Tikkonferma li taf li t-tfal tiegħu, kollha kemm huma, dejjem bagħathom skejjel privati u t-tfal li kellu ma' Penelope kollha marru l-iskola tac-Chiswick. Fiż-żmien tal-preżentata ta' tali affidavit, it-tifla l-kbira tiegħu kienet qiegħda tattendi l-Universita' u t-tifel tan-nofs fetaħ il-ħanut tas-Swieqi għalih. Apparti minn hekk lil Penelope kien xtaralha karozza u maisonette Għawdex li issa biegħitu u bil-flus xtrat appartament fis-Swieqi li qed tikri lil terzi.*

*Tiddiskrivi l-ħajja tiegħu u l-lifestyle tiegħu bħala waħda ta' lussu billi jsiefer numru ta' drabi f'sena, fosthom l-Amerika, jmur jiekol f'diversi restoranti high class, joħroġ bil-yacht tiegħu u jmur anke l-Italja bih, jilbes ħwejjeġ tad-ditta u ħareġ karozza ġdida tal-marka BMW. Min-naħa l-oħra l-intimata tgħid li l-affarijiet li tagħmel huma għal uliedha u ħafna drabi jkollha tissallab biex tkun tista' tagħmilhom tant li tiddikjara li l-aħħar safra li għamlet kienet għadha miżżewġa lill-attur.*

*Rigward manteniment, tgħid li suppost l-attur qed iħallas €560 kull ġimgħatejn, pero' għandu arretrati ta' tliet xhur manteniment xi jħallas. Apparti minn hekk, għad hemm ċekkijiet tal-elfejn u tlettax li qatt ma ġew imsarrfa għaliex kien sar mandat ta' sekwestru. Meta dan imbagħad kien tneħħa, G kien laħaq mexxa l-flus mill-kont bankarju[23]. Iżżid tgħid li meta l-attur ma jħallasx il-manteniment, tkun bintha Abigail li tgħinha finanzjarjament. Ħadet passi kriminali biex tieħu dak li hu dovut lilha.*

[23] Ara Dok. RG1.

*Tgħid ukoll li tul is-snin għaddiet minn dipressjoni minħabba l-inkwiet kollu li għaddiet minnu. Tgħid ukoll li riċentament ħasset il-bżonn li ma tibqax tghix iktar fl-appartament tal-Qawra u għalhekk biegħetu u minflok xtrat penthouse f'Birkirkara. Biex taghmel dan il-pass, għal darba'oħra kellha bżonn l-għajnuna ta' bintha Abigail li selfitha €3000 u li tali flus ġew rifużi lura lilha.*

*Fix-xhieda tagħha tal-1 ta' Marzu 2018 tesebixxi 3 paġni li juru 13-il ċekk maħruġ minn G C datati 2013*[24] *li tgħid li ħallset it-taxxa fuqhom pero' ma ssarrfux u għalhekk l-ammonti indikati fl-istess ċekkijiet għadhom dovuti. Taċċenna għall-fatt li G jgħix qisu re – jmur holidays ta' spiss (ġej u sejjer) – imur 5 darbiet u aktar b'dan li tiddikjara li taf li siefer f'Diċembru 2017, Jannar 2018 u Frar 2018 żgur b'dan li tgħid li tali informazzjoni ġiet għandha tramite ħbieb u ritratti li jitilgħu fuq Facebook – siefer ukoll għall-Valentine's Day b'dan li l-aħħar li kien Taormina, Londra fil-Milied mal-partner u t-tfal tagħhom. L-intimata tkompli tixhed li l-attur G A C għandu 4 ħwienet jekk mhux 5 imma aktar id-dar milli x-xogħol għax għandu ħafna impjegati. Lit-tfal tagħha (li għandha mal-istess attur) ma jridhomx imorru l-ħwienet tiegħu biex jużaw is-servizzi għax ma jridx jaf bihom. In fatti l-intimata tgħid li Ilona kienet tmur bil-prodotti tagħha li kienet tieħu magħha (xi 4 snin qabel tali xhieda) u kien qallha "***jew tħallas bħal kulħadd jew tersaqx 'l hawn***". Lil Abigail kien iħaddimha miegħu pero' l-partner tiegħu ma ridithiex u G qallha li m'għandux bżonn hairdressers meta fl-istess ħin ġab avviż fuq il-gazzetta.*

*Tgħid li mhux minnu li G m'għandux mezzi biex iħallas il-manteniment għax kieku ma jsifirx u kieku ma jikrix il-limousine għall-birthday tat-tfal tiegħu mal-partner u jżomm cabin cruiser. Il-limousine inkriet kemm għall-birthday tat-tifla u kemm għal tat-tifel u dan fl-aħħar sena. Tkompli tgħid li sa' din is-sena l-mantenimenti ta' Jannar, Frar u Marzu 2018 għadhom dovuti. Tipprova ċċempillu imma ma jirrispondix – lanqas messaġġi ma jirrispondi. Tagħmel rapporti l-għassa, il-pulizija jċemplulu imma jinjorhom. Bil-cabin cruiser imur ġeneralment l-Italja u ovvjament jaħli l-petrol. Jużawha ħafna din id-dgħajsa – din cabin cruiser kbira li fiha tista' torqod.*

*Lin-neputijiet tiegħu u ċioe' t-tfal tat-tfal tagħna ma jafhomx u ma jridx ikun jafhom għax jibża' minnha u tgħaffġu taħt saqajha. Lin-nannuhom jafuh biss mit-television.*

[24] Ara Dok. RG1 esebit a fol 2038 tal-proċess.

*Fix-xhieda tagħha tas-26 t'April 2018 tippreżenta numru ta' dokumenti u ċioe':*

**Dok SMD1** *li juri l-attur mal-partner tiegħu u t-tfal tagħhom l-Ingilterra għall-birthday ta' tifel minnhom f'Diċembru 2017;*

**Dok SMD2** *li juri holiday oħra li ħa l-attur mat-tifel tiegħu;*

**Dok SMD3** *li juri l-boat tal-attur ta' 32 feet u li juri li l-attur u l-partner tiegħu Penelope marru Taormina;*

**Dok SMD4** *juri reġgħu marru Ragusa;*

**Dok SMD5** *li juri li l-attur u Penelope kienu qed jieklu f'Caviar and Bull fl-Ungerija;*

*L-intimata żżid tgħid li ilha ma ssiefer snin twal, żgur 38 sena. L-aħħar pagament li sar għall-manteniment kien fi Frar 2018 pero' hemm 13-il ċekk li ma ġewx msarrfa. Għoli tal-ħajja ma taha xejn u dan mis-sena 1999.*

*Fix-xhieda tagħha in kontro-eżami tal-5 ta' Marzu 2020 l-intimata tikkonferma li mas-separazzjoni ħadet il-villa, flat u settlement ta' LM25,000 b'dan li din is-somma ma tissemmiex fl-affidavit tagħha. Iżżid tikkonferma wkoll li l-villa biegħitha u xtrat ħanut il-Qawra biex it-tifla l-kbira jkollha fejn taħdem għax l-attur qatt ma kien fil-ħajja tat-tfal u ma ridhiex. Abigail (it-tifla l-kbira kienet diġa' miżżewġa dak iż-żmien) u dejjem skond l-istess intimata, G kien qal li dak li għandhom mingħand ommhom tagħhom imma jien se nibda ħajja ġdida. Ssostni li meta xtrat il-ħanut xtratu b'dik l-intenzjoni li jkun għat-tifla l-kbira Abigail imma mbagħad ħarġet tqila, kellha tifel b'ADHD u kellha nikrih għax kull ċekk ta' manteniment ma bediex jissarraf apparti mill-fatt li ma kellhiex bolol imħallsin u għalhekk kellha bżonn il-flus. Ġie ssuġġerit lill-intimata li meta xtrat il-ħanut tal-Qawra bintha Abigail kellha diġa' wild b'dan li l-intimata tgħid li ma taħsibx. Tiddikjara li dan il-post tikrih bir-rata ta' €6 kuljum inkluż is-Sibt u l-Ħadd u l-festi b'dan li nżamm l-istess kuntratt li oriġinarjament ġie ffirmat. Il-kuntratt datat 29/2/2012 u jindika rata ta' kera ta' €4 kuljum pero' din għoliet għal €6. In-nies għadhom l-istess. Il-ħanut qiegħed 1, Triq il-Qawra, Qawra. Il-post ta' Abigail hu 2, Triq il-Qawra, Qawra. Xtratu hi dan il-post tagħha. Ġie*

*suġġerit ukoll li l-post ta' Abigail jinkera u li tkun l-intimata li tiġbor il-flus iżda l-istess intimata tgħid li jista' jkun li tiġborhom – tiġborhom ġieli għaliha u tgħaddihomlha pero' mhux l-ewwel darba li tgħinha finanzjarjament meta taraha batuta. Tiddikjara li qatt ma ffirmat kuntratti ta' kera rigward fir-rigward tal-ħanut t'Abigail u l-fond (2). Ix-xhud tgħid ukoll li dd-dejn li ħallset lit-tifel t'Ilona meta miet missieru kien ċirca fl-ammont ta' €22,000 mal-BOV. Ħallsitu hi u Ilona bdiet tħallasha ftit ftit. Issostni li kienet hi li ħallset il-BOV u dan cash b'dan li Ilona kienet ittiha xi €200 fix-xahar meta kienet tista' u għad fadal bilanċ dovut lill-istess intimata ta' dan l-ammont pero' x-xhud tgħid li mhux se nfittex mat-tifla.*

*Il-post tal-Qawra li kienet id-dar matrimonjali biegħietu għax oħtha kienet marida – għamlet 3 snin tieħu ħsiebha hemm għax kienet tgħix magħha u meta ġiet nieqsa ħasset li riedet tbiddel fejn tgħix. Kien hemm post tar-raġel t'oħtha li xtratu mingħandu bin-nifs għall-istess ammont li xtrah hu għax ried jarmih u tali post ingħata b'donazzjoni lil Byorn għax qerduh il-familja tal-partner tiegħu u kellu depression.*

*Tgħid li fiż-żmien is-separazzjoni ma kienitx taħdem għax riedet trabbi lil uliedha waħedha u lil uliedhom. Is-separazzjoni saret fis-sena 1999. G suppost iħallas kull ħmistax pero' qiegħed bi 3 xhur lura u tgħid li jħallasha ġeneralment ta' xahrejn f'daqqa. Qiegħed lura minn Jannar 2020. Hu jgħid li ma jiflaħx iħallas.*

*Tgħid li ma tafx li ġie operat pero' taf li għamel ta' jdejh għax ġab ċertifikati li jgħidu li ma jistax jaħdem għal sentejn imma mbagħad l-istess intimata fuq il-facebook skopriet li kien qed jaħdem, ċemplet il-ħanut biex tara jekk G hux qed jaħdem u żżid tgħid li l-Qorti jiġi bil-faxxa u mbagħad ineħħiha. Taf li l-posts ta' facebook kienu ta' dak iż-żmien għax ċemplet biex tara jekk G hux jaħdem jew le u qalulha iva.*

*7. Illi fil-mori tressqu s-segwenti xhieda u dokumentazzjoni:*

1. ***Noel Paris***[25] *in rappreżentanza ta' Volksbank Malta Ltd li jiddikjara li ma sab l-ebda informazzjoni fuq l-intimata B D;*

[25] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Frar 2014.

2. ***Katrina Buhagiar***[26] *in rappreżentanza tal-Banif Bank (Malta Plc) li tiddikjara li ma sab l-ebda informazzjoni fuq l-intimata B D;*

3. ***David D***[27] *għan-nom tal-APS Bank li li jiddikjara li ma sab l-ebda informazzjoni fuq l-intimata B D;*

4. ***Audrey Ghigo***[28] *in rappreżentanza ta' HSBC Bank (Malta) Plc li tgħid li ġiet mitluba tagħmel riċerka fuq il-partijiet b'dan li sabet is-segwenti:*

    a) *Kont konġunt f'isem il-partijiet li ilu magħluq mis-sena 1999 (**Dok. AG1**[29]);*

    b) *Current Account bin-numru 008008799001 li nfetaħ fid-9 ta' Lulju 1988 f'isem A G C u għadu miftuħ (**Dok AG2**[30]). Dwar tali kont ix-xhud tispjega li fejn m'hemmx il-kliem 'DR' taħt il-kolonna 'balance', dak ifisser li fil-kont kien hemm dawk l-ammonti u ma' kienx hemm dejn;*

    c) *Loan Account bin-numru 088154000321 li nfetaħ fit-30 t'Awwissu 2010 f'isem A G C (**Dok AG3**[31]). Dwar tali kont ix-xhud tikkonferma li nhar it-30 t' Awwissu 2010 inġibdu €40,000 minn A G C biex b'hekk ittieħed dan l-ammont b'dejn mal-bank u żżid tgħid li fuq dan il-loan u skond l-istatement qed isiru pagamenti ta' €817.19 b'dan li sat-18 t'Ottubru kien hemm 'outstanding balance' ta' €17,174.39;*

    d) *Loan Account bin-numru 088154000320 li nfetaħ fl-4 ta' April 2006 u ngħalaq fl-1 ta' April 2011 (**Dok AG4**[32]) fuq A G C. Ix-xhud tikkonferma li fl-4 t'April 2006 inġibdu LM10,000 u kienet qed titħallas skond l-ammonti indikati taħt il-kolonna 'deposits'. Dik il-loan hija mħallsa;*

---

[26] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Frar 2014.
[27] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Frar 2014.
[28] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Frar 2014.
[29] Ara a fol 101 tal-proċess.
[30] Ara a fol 103 tal-proċess.
[31] Ara a fol 314 tal-proċess.
[32] Ara a fol 321 tal-proċess.

e) *Savings Account f'isem A G C bin-numru 054113519050 li nfetaħ fis-17 ta' Novembru 1975 u ingħalaq fl-14 ta' Jannar 2002 (**Dok AG5**[33]);*

f) *Loan Account bin-numru 51059766 li ngħalaq fil-31 ta' Lulju 1999 f'isem A G C (**Dok AG6**[34]) li hu mħallas.*

5. ***Jeanette Lepre***[35] *in rappreżentanza ta' Lombard Bank Plc tgħid li mir-riċerki li saru ma sabet xejn fuq l-intimata, la f'isimha u lanqas ma' terzi;*

6. ***Romauld Attard***[36] *bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta Plc jgħid li mir-riċerka għall-perjodu tal-aħħar 10 snin sab 8 kontijiet f'isem l-intimata waħedha u ċioe':*

   a) ***Dok RA1***[37] *huwa 'savings account' li nfetaħ fis-26 ta' Lulju 1999 u għadu attiv. Bilanċ huwa ta' 191.27 euros. Ix-xhud jispjega li minn Dok. RA1 jirriżulta li qiegħdin isiru transfers mill-internet banking minn Byorn C, Barry Josette, Luke Stivala u Deborah Muscat għal fuq il-kont ta' B D. Jirriżulta ukoll mill-istatement li fit-28 ta' Mejju 2005 sar deposit ta' LM 26,500. Fit-2 ta' April 2005 sar depositu ta' LM2,180, fit-28 ta' Marzu sar depositu ta' LM7,399.21 u fil-15 ta' Marzu 2005 sar depositu ta' LM 11,433.12;*

   b) ***Dok RA2***[38] *huwa 'term deposit' li nfetaħ fil-15 ta' Marzu 2001 u ngħalaq fil-15 ta' Marzu 2005;*

   c) ***Dok RA3***[39] *huwa 'term deposit' li nfetaħ fil-15 ta' Marzu 2001 u ngħalaq fit-23 ta' April 2004;*

   d) ***Dok RA4***[40] *huwa 'young savers account' (account Neil) li nfetah fit-22 ta' Mejju 2003 u nagħlaq 9 ta' Lulju 2013;*

---

[33] Ara a fol 328 tal-proċess.
[34] Ara a fol 331 tal-proċess.
[35] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Frar 2014.
[36] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l- 5 ta' Frar 2014.
[37] Ara a fol 334 tal-proċess.
[38] Ara a fol 361 tal-proċess.
[39] Ara a fol 363 tal-proċess.
[40] Ara a fol 367 tal-proċess.

e) **Dok RA5**[41] *huwa 'term deposit' li nfetah fit-28 ta' Novembru 2003 u ngħalaq fit 28 ta' Mejju 2005;*

f) **Dok RA6**[42] *huwa 'term deposit' li nfetaħ fit-23 ta' April 2004 u ngħalaq fit-28 ta' Marzu 2005;*

g) **Dok RA7**[43] *huwa 'young savers account' (account Neil) li nfetaħ fit-23 ta' April 2004 u ingħalaq fil-11 ta' Awwissu 2005;*

h) **Dok RA8**[44] *huwa 'current account' li nfetaħ fid-19 ta' Mejju 2012 u għadu attiv 'bilanċ ta' €6.81;*

7. **Romauld Attard**[45] *bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta Plc jerġa' jixhed fuq diversi depositi li saru fil-kont ta' B D u jesebixxi diversi kopji ta' deposit vouchers*[46] *li jindikaw id-dettalji kollha dwar min iddeposita u f'liema ammont. Jispjega li dwar l-ammont ta' €310 fit-20 ta' Lulju 2013 dan irriżulta li huwa refund ta' purchase mill-internet fit-18 ta' Lulju 2013 u għalhekk m'għandux voucher dwaru. Jispjega li POS ifisser xiri mill-internet. B'referenza għall-voucher BOV1 jgħid li dan juri deposit fil-31 ta' Diċembru 2013 f'cash fis-somma ta' €2160.00 li sar minn persuna li għandha I.D. No. 390955M u jikkonferma li dan jippartjeni lil B D. Rigward id-deposit vouchers l-oħra jgħid li dawn huma kollha cash deposits li saru minn B D stess ħlief għal BOV5 u BOV7 li huma deposit cash fl-ammont ta' €600 li saru minn persuna li għandha I.D. No. 30282M li skond ir-records tal-bank tippartjeni lil Bjorn C u deposit ieħor fl-ammont ta' €700 magħmul minn Bjorn C ukoll. F'dan il-kont, il-bilanċ fit-22 ta' Jannar 2014 kien ta' €355.64;*

8. **Kuntratt ta' bejgħ** *datat it-28 ta' Novembru 2006 fl-Atti tan-Nutar Fiona Zammit Armeni*[47] *u li permezz tiegħu l-intimata akkwistat garaxx mingħand l-AwtoB' tad-Djar għall-ammont ta' Lm23,000;*

[41] Ara a fol 383 tal-proċess.
[42] Ara a fol 389 tal-proċess.
[43] Ara a fol 377 tal-proċess.
[44] Ara a fol 379 tal-proċess.
[45] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata s-6 ta' Marzu 2014.
[46] Ara Dok. BOV1 sa' BOV 7 esebiti mill-imsemmi xhud a fol 403 sa' 409 tal-proċess.
[47] Ara a fol 420 tal-proċess.

9. ***Kuntratt ta' kera*** *datat il-5 t'Ottubru 2007*[48]*;*

10. ***Kuntratt ta' kera*** *datat il-15 ta' Mejju 2012*[49]*;*

11. ***Kuntratt ta' kera*** *datat id-9 t'April 2013*[50]*;*

12. ***Kuntratt ta' kera*** *datat l-24 ta' Ġunju 2014*[51]*;*

13. ***Bjorn C***[52] *(iben il-partijiet) jgħid li jaħdem bħala administrator ma' Media Games Ltd u ilu f'tali impjieg għal sena u li qabel dan l-impjieg kien għal rasu – kien jagħmel technical work u jinstalla s-satelliti. Dam għal rasu mis-sena 2010 sas-sena 2014. Fiż-żmien ta' tali xhieda kellu tlieta u tletin (33) sena. Qabel l-2010 kien jagħmel xogħol ta' administrator ma' Rapier Company Ltd. u kien ilu hemm minn Mejju 2004. Qabel l-2004 kien jirreġistra. Fl-2004 kellu tlieta u għoxrin (23) sena. Qabel l-2004 ma kienx jaħdem – kien jistudja. Jiddikjara li m'għandu ebda propjeta' fuq ismu u li l-intimata ommu ma xtrat ebda propjeta' f'ismu. Jiddikjara li kellu prokura fuqu għaz-ziju Joseph Cachia. Jgħid li jgħix il-Ħamrun mat-tfajla tiegħu u qabel kien jgħix il-Qawra, Orlando Apartments, Flat 8, Qawra Coast Road, Qawra f'appartament t'ommu.*

*B'referenza għax-xhieda t'ommu u għall-istatements tal-Bank fejn qalet li kienu qed isiru depożiti minn Bjorn fuq il-kont tagħha ix-xhud jgħid li ommha kellha l-card Visa u kienu jagħtuha l-flus biex ikunu jistgħu jużawhom għall-online shopping. Jiddikjara li dak iż-żmien kien jaħdem u li kien jixtri l-għodda għall-użu personali tiegħu. Jgħid li ma kienx juża l-card tiegħu għax kellu card li kien użaha qabel għall-online shopping u l-paypal account ġie blocked għax qalu li kiser xi regoli. Jaħseb li dawn id-deposits bdew isiru mis-sena 2005 sas-sena 2006 pero' mhux ħafna. Jgħid li s-sistema li kien juża kienet li jagħti l-cash lil ommu u hi tiddepożithom. Ġieli kien jagħmel bank transfers fil-kont*

---

[48] Ara a fol 426 tal-proċess.
[49] Ara a fol 429 tal-proċess.
[50] Ara a fol 432 tal-proċess.
[51] Ara a fol 435 tal-proċess.
[52] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-21 ta' Mejju 2015.

*tagħha bl-internet banking pero' mhux xi ammonti kbar. Dan kien fi żmien meta ommu ma kienitx taħdem pero' ma jafx jekk kelliex introjtu minn xi kirjiet għax ma kienx jidħol f'tali kwistjoni. Jgħid li ommu għandha l-appartament fil-Qawra 'Orlando' u propjeta' oħra ġewwa l-Qawra li qatt ma mort fih pero' rajtu minn barra. Fih hemm oħtu Ilona. Ma nafx kemm ilha tgħix fih Ilona. Jikkonferma wkoll li ommu għandha wkoll ħanut il-Qawra Coast Road li hu mikri lil terzi pero' ma jafx x'introjtu għandha ommu minn tali ħanut;*

14. ***Bjorn C***[53] *(iben il-partijiet) jerġa' jixhed u b'referenza għax-xhieda preċedenti tiegħu qed jippreżenta l-istatements tal-kont bankarju tal-BOV tad-debit card*[54] *mill-10 ta' Mejju tas-sena 2012 saż-żmien ta' tali xhieda. Jippreżenta wkoll l-istatements*[55] *tal-paypal account minn mindu nfetaħ minnu f'isem ommu peress li hu blokjat u ma jistax ikollu paypal account. Jgħid li dan l-account jintuża mhux biss minnu imma wkoll mill-familjari tiegħu iżda jgħid li l-intimata ommu ma tafx tużah u għalhekk qatt m'użatu. Hi tiffirma l-posta u toħroġ il-flus mill-paypal account tagħha abbinat mal-kont bankarju pero' x-xhud imbagħad jagħtiha l-flus lura jew qabel it-tranżazzjoni. Ħafna mix-xiri huwa personali tiegħu għalkemm ġieli xtara wkoll xi affarijiet għax-xogħol. Jgħid li fis-sena 2012 ma kellux impjieg fiss u beda jaħdem b'mod uffiċċjali fis-sena 2015.*

*Dwar ammonti li huma sostanzjali bejn €100 u €500 x-xhud jgħid li ġieli xtara xi affarijiet għal sħabu wkoll u jagħtuh pocket money tal-pjaċir li jkun għamlilhom bħala ringrazzjament. Jgħid li lil ommu jtiha l-flus u ili jagħmel hekk minn mindu kellu lira fil-but. Anke f'dan iż-żmien bejn it-2012 u t-2015 fil-perjodu li kienu qed isiru dawn it-tranżazzjonijiet kont intiha l-flus għaliex kellu sold imġemma. Ma jafx kemm kien itiha, bil-burdata u skond l-użu. Kien jagħtiha xi flus bħala sehemu mill-ispejjeż tal-ħajja għax kienet tgħid li ma jservuhiex il-flus. Kellu sold imfaddal u għalhekk kien jagħtiha l-flus minkejja li ma kienx jaħdem. Preżentament jiddikjara li ma jgħix m'ommu u li ilu ma jagħmel pagamenti lill-istess ommu minn Diċembru 2014 jew Jannar 2015.*

---

[53] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-4 ta' Ġunju 2015.
[54] Ara Dok. BM1 esebit a fol 448 tal-proċess.
[55] Ara Dok. BM2 esebit a fol 476 tal-proċess.

*Dwar il-propjeta' li hemm f'Għawdex hija f'isem Neil C, it-tifel t'oħtu Ilona C x-xhud jgħid li ġew nieqsin missier u n-nannu ta' Neil u dan in-nannu ħalla d-dejn. Missier Neil ħalla lil Neil kollox b'użufrutt. Peress li kien hemm id-dejn tan-nannu, kienet l-intimata li għamlet tajjeb għal tali dejn. Ix-xhud jikkonferma wkoll li ommu xtrat propjeta' fi Triq il-Qawra, Buġibba mingħand Joseph Cachia, li jiġi r-raġel t'oħtha. Dan il-post għadu għandha u bi ħsiebha tbiegħu biex tixtri post bil-bejt;*

15. **lIona C**[56] *bint il-partijiet tgħid li għandha 34 sena, tgħix mal-intimata ommha u għadha xebba. Tiddikjara li ilhom jgħixu fl-indirizz: St. Chris, Flat 2, Qawra Coast Road Qawra għal numru ta' snin. Fl-appartament 'Orlando' f'Qawra Coast Road Qawra ma tafx min jgħix peress li ommha kienet biegħtu. Tiddikjara li ma taħdimx għax qed nagħmel kors. Wara li spiċċat l-iskola kienet taħdem ma' missierha pero' ma tafx kemm damet għalkemm issemmi perjodu ta' madwar sentejn. Ħarġet mill-iskola meta kellha xi 15 –il sena. Tiddikjara li m'għandha ebda post fuq isimha f'Għawdex u li sa' fejn taf hi m'hemm ebda appartament f'Għawdex fuq it-tifel tagħha Neil C. Mistoqsija jekk ġiex nieqes missier binha x-xhud tgħid li skond iċ-ċertifikat tat-twelid, missier it-tifel huwa 'unknown'. B'referenza għal* **Dok. Y**[57] *preżentat mill-attur fis-7 ta' Jannar 2013 li hu relatat ma' trasferiment ta' użufrutt fuq il-fond 4, First Floor, Qalb ta' Ġesu', Triq Għajn Tuta, Fontana Rabat Għawdex datat l-20 ta' April 2012, ix-xhud ġiet mistoqsija dwar jekk tafx li hemm konfermat illi missier Neil C u ċioe' Chris Borg miet fit-28 ta' Diċembru 2005 u nnomina bħala eredi tiegħu lil ibnu Neil C tgħid li l-flus li għamlet tajjeb għalihom ommha fl-ammont ta' €28,889.49 qed tħallashom ftit ftit, qisu €300 fix-xahar għax tgħix bil-benefiċċji soċjali.*

*Ix-xhud tippreżenta wkoll affidavit*[58] *u tgħid li meta tħares lura ma kellhiex tfulija sabiħa għaliex tiftakar lill-ġenituri tagħha dejjem jiġġieldu u lil missierha jsawwatha. Tispjega kif kienet ħajjitha d-dar u fl-iskola u x-xenarju fiż-żmien is-separazzjoni tal-ġenituri tagħha pero' tali dettalji m'għandhomx wisq piż fuq il-mertu tal-kawża odjerna kif*

[56] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata s-7 ta' Marzu 2016.
[57] Ara a fol 90 tal-proċess.
[58] Ara n-nota tal-intimata mmarkata bħala Dok. RS1 esebita a fol 2561 (liema affidavit jinsab esebit a fol 2566 tal-proċess).

*wara kollox m'għandhomx il-kwistjonijiet familjari bejnha u bejn l-attur u r-relazzjoni ta' bejniethom.*

*Tikkonferma li meta miet il-partner tagħha u binha wiret appartament f'Għawdex, m'għaddilhiex minn rasha biex titlob l-għajnuna lil missierha u kien għalhekk li daret għal fuq ommha. Tgħid li binha jaf lil nannuh minn fuq it-televiżjoni biss.*

*Tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li materjalment, sakemm il-ġenituri tagħha kienu għadhom flimkien, qatt ma kienu nieqsin minn xejn. Anzi kellhom ħajja komda pero' wara s-separazzjoni, missierha ta ħafna kedded lil ommha għal dak li jirrigwarda l-manteniment filwaqt li hu jidher li jgħix ħajja lussuża kif jidher mill-media soċjali u t-televiżjoni.*

16. ***Abigail Stivala***[59] *bint il-partijiet tgħid li hi miżżewġa b'żewġt itfal. Tgħid li għandha ħanut adjaċenti għall-appartament t'ommha fil-Qawra Coast Road, liema ħanut ilu għandha bejn wieħed u ieħor 13 jew 14-il sena u żżid tgħid li l-mama' m'għinitnix biex tieħu dan il-ħanut. Tiddikjara li xtaqet tiftaħ negozju imma peress li għandha żewġt itfal ADHD ma setgħetx. Tgħid ukoll li l-mama' tagħha tatha rigal għat-tieġ u ma ħallsitlix it-tieġ – ħadd ma taha xejn. Pjuttost tgħin hi lil ommha. Dan il-ħanut mikri lil terzi u l-kera tirċiviha x-xhud. Tiddikjara li ommha qatt ma rċeviet il-kera ta' dan il-ħanut. Dan il-ħanut xtratu meta ma kienitx taħdem pero' kienet wirtet xi flus meta kellha xi 25 sena mingħand Giovanna u Joseph Cachia. Għalhekk tgħid li l-flus għall-ħanut ġew minn donazzjoni li tawnha huma stess f'ħajjithom kif ukoll mill-flus li wirtet mingħandhom. Tiddikjara li ommha (l-intimata) ma ħarġitx flus għal dan il-ħanut pero' r-raġel tagħha iva. Taħseb li l-ħanut xtrawh xi LM23,000 jew LM24,000. Ir-rigal tat-tieġ li tagħtha ommha kien ta' LM8,000. Imbagħad in kontro-eżami*[60] *tikkonferma li t-tieġ tagħha tħallas minn flus li kienet tatha l-intimata ommha meta biegħet il-villa. Tgħid ukoll li l-accounts tan-negozju ta' missierha ma rathomx u li l-aktar li taf fuq in-negozju tal-attur missierha hu meta kienet taħdem miegħu li f'dak iż-żmien kellu 4 jew 5 ħwienet u dan kien qabel*

[59] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-1 ta' Lulju 2016.
[60] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-5 ta' Marzu 2020.

*is-separazzjoni tal-ġenituri tagħha (l-partijiet). Kien hemm ħwienet li għalaq. Ix-xhud tgħid li kellha t-tifel fis-sena 2002 u baqgħet taħdem miegħu sa' ftit qabel ma welldet u li waqfet taħdem miegħu għal raġunijiet ta' saħħa imma ma rritornatx għax il-partner ta' missierha ma kienitx komda biha u għamlet ftit żmien ma' Clyde. Tiddikjara li kienet available wara t-tifel u wara li waqaft ma' Clyde imma ma kienitx welcome minħabba Penelope u dan kienu jgħiduhulha wkoll l-impjegati. Il-kuntatt ma' missierha inqata' kompletament.*

*Sussegwentement għal tali xhieda, x-xhud tippreżenta wkoll affidavit*[61] *u li permezz tiegħu tgħid li sakemm il-ġenituri tagħha kienu għadhom flimkien, kienet kuntenta d-dar u li minn ħutha kollha kienet l-aktar waħda viċin ta' missierha.*

*Il-mument li ltaqa' mal-partner, Penelope, missieri nbidel kompletament tant li la mar għat-tieġ tagħha u taha rigal ta' Lm1000 minn wara dahar Penelope u rrifjuta li jtellagħha fuq l-artal. Tkompli tagħti aktar dettalji dwar il-ħajja tagħhom u Penelope iżda fil-veB' tali dettalji m'għandhomx wisq piż fuq il-mertu tal-kawża odjerna.*

*Tikkonferma dak li tgħid ommha u ċioe' li għinet biex in-neputi tagħha ma jitlifx l-appartament li wiret f'Għawdex u li l-attur, mat-tieni familja tiegħu jgħix ħajja lussuża tant li xtara anke maisonette f'Għawdex lil Penelope li biegħetu u minflok xtrat post fis-Swieqi. Tgħid ukoll li wlied l-attur minn Penelope jattendu skola privata, għandu yacht u ta' spiss isiefru. Marru anke l-Amerika. Taf ukoll li fis-sena li ntavolat l-affidavit tagħha fetaħ ħanut ġdid is-Swieqi għat-tifel tiegħu.*

*Tgħid li ma temminx li finanzjarjament għandu xi problemi għaliex jidher li n-negozju tiegħu sejjer tajjeb apparti l-fatt li jekk iċċempel il-ħwienet tiegħu, għadek tkun tista' tagħmel appuntament miegħu. Tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li minkejja kollox tibqa' tħobbu għax hu missierha pero' kienet ommha li għamlet kollox għaliha u ma tifhimx għaliex hi problema għalih li jagħtiha dak li hu dovut;*

[61] Ara n-nota tal-intimata mmarkata bħala Dok. RS1 esebita a fol 2561 (liema affidavit jinsab esebit a fol 2562 tal-proċess).

17. ***Chris Tonna*** *li jixhed permezz tal-proċedura tal-affidavit*[62] *fejn jiddikjara li ilu jagħmel xogħol ta' accounting u awditur lill-kumpanija Tony & Guy għal numru ta' snin u ċioe' madwar 22 sena. Jiddiskrivi l-karriera tal-attur bħala waħda wieħed pożittiv immens b'dan li f'xogħolu dejjem eċċella. Jispjega kif l-attur fjorixxa fil-karriera u wasal biex jiftaħ numru ta' ħwienet iżda kien hemm żmien diffiċli meta wħud impjegati telqu, fetħu għal rashom u ħadu magħhom klijentela sħiħa. Barra minn hekk l-attur għadda minn żmien diffiċli ta' mard. Jgħid li l-attur kellu jitrasferixxi s-shares li kellu fil-partnership Art Linea Limited għax saħħtu ma baqgħetx tippermettilu li jopera minn dawn l-istabbilimenti kollha. Jiddikjara wkoll li fiż-żmien ta' tali affidavit, l-attur kellu introjtu biss mill-ħanut tal-Gżira u mill-50% shares li għandu fi Strada Plaza Limited. Iżid jgħid li mbagħad meta wieħed jikkonsidra l-fatt li l-attur se joħroġ bil-pensjoni żgur li m'huwiex ser ikun f'posizzjoni li jħallas il-manteniment relattiv lil martu u li ser ikollu jagħmel bdil radikali fl-istil ta' ħajja tiegħu.*

*Imbagħad l-istess xhud jerġa' jixhed*[63] *bħala awditur jippreżenta l-audited accounts ta' Art Linea Ltd għall-perjodu 2009 sas-sena 2018*[64] *u dawk ta' Stada Plaza*[65]*. Jiddikjara li l-attur G C personalment hu responsabbli mill-accounts tiegħu. Tony & Guy m'hix kumpanija – it's a brand u għalhekk m'għandix audited accounts tagħha;*

18. ***Stephen Baldacchino***[66] *in rappreżentanza ta' Banif Bank li bil-Malti jgħid li għamel riċerka fuq l-attur inklużi ma' terzi u ma sab xejn;*

19. ***Christian Zammit***[67] *in rappreżentanza ta' Lombard Bank jgħid li għamel riċerka fuq l-attur inklużi ma' terzi u ma sab xejn;*

20. ***Rebeccah Micallef***[68] *in rappreżentanza ta' APS Bank tgħid li għamlet riċerka fuq l-attur u li fuqu sabet 2 kontijiet (Dok RM1*[69] *u RM2*[70]*). Dok*

---

[62] Liema affidavit hu esebit a fol 527 tal-proċess.
[63] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata t-18 t'Ottubru 2019.
[64] Ara Dok. CT1 sa' Dok. CT7 (ara a fol 2363 sa' 2512 tal-proċess).
[65] Ara Dok. CT8 sa' Dok. CT13 (ara a fol 2236 sa' 2362 tal-proċess).
[66] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-11 ta' Mejju 2017.
[67] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-11 ta' Mejju 2017.
[68] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-11 ta' Mejju 2017.
[69] Ara a fol 550 sa' 571 tal-proċess.
[70] Ara a fol 572 tal-proċess.

*RM1 jirrelata dwar kont kurrenti magħluq filwaqt li dak relatat ma' Dok RM2 hu miftuħ li hu loan account. Ma' terzi m'għandu ebda kont;*

21. **Alison Mifsud Brimmer**[71] *in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta Plc tgħid li mir-riċerka rriżulta li fil-5 ta' Frar 2014 bħala rappreżentanti tal-Bank kienu diġa' xehdu u għalhekk xehdet limitatament mill-1 ta' Jannar 2014. Tgħid li fuq l-attur ma' terzi ma sibna xejn. Ġew esebiti updates tal-accounts tal-attur li ġew immarkati bħala Dok AMB1*[72] *u AMB2*[73]*;*

22. **Johanna Bartolo**[74] *in rappreżentanza ta' BOV tgħid li l-attur m'għandu ebda kont ma' terzi inkluż Penelope Tabone. Pero' tgħid li Penelope Tabone hi supplemantary card holder fuq il-platinum card tal-attur. Fuq il-Platinum Card li għandu l-attur, ix-xhud tippreżenta 4 statements li ġew immarkati bħala Dok JB1 sa' JB4*[75] *u tiddikjara li r-riċerka saret fuq l-aħħar 10 snin. Iddikjarat ukoll li hemm Master Card miftuħ u li l-statement relattiv qed jiġi mmarkat bħala Dok JB5*[76]*. Dok JB6*[77] *u JB7*[78] *huma dwar Visa Classic Card miftuħa. Dok JB8*[79] *u JB9*[80] *huma dwar Visa gold card magħluqa f' Diċembru 2010. L-attur għandu 11 –il kont bankarju li ġew immarkati bħala Dok JB10*[81] *sa' Dok JB 20. Dok JB10 hu overdraft magħluq. Dok JB11*[82] *hu business loan miftuħ. Dok JB12*[83] *hu personal loan magħluq. Dok JB13*[84] *hu personal loan magħluq. Dok JB14*[85] *hu personal loan magħluq. Dok JB16*[86] *hu house-loan miftuħ. Dok JB18*[87] *hu personal loan magħluq Dok JB19*[88] *hu*

[71] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-11 ta' Mejju 2017.
[72] Ara a fol 574 sa' 591 tal-proċess.
[73] Ara a fol 592 sa' 595 tal-proċess.
[74] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-11 ta' Mejju 2017.
[75] Ara a fol 596 sa' 778 tal-proċess.
[76] Ara a fol 779 sa' 802 tal-proċess.
[77] Ara a fol 803 sa' 811 tal-proċess.
[78] Ara a fol 812 sa' 814 tal-proċess.
[79] Ara a fol 815 sa' 890 tal-proċess.
[80] Ara a fol 891 sa' 920 tal-proċess.
[81] Ara a fol 921 sa' 924 tal-proċess.
[82] Ara a fol 925 sa' 933 tal-proċess.
[83] Ara a fol 934 sa' 940 tal-proċess.
[84] Ara a fol 941 sa' 946 tal-proċess.
[85] Ara a fol 947 sa' 949 tal-proċess.
[86] Ara a fol 953 sa' 962 tal-proċess.
[87] Ara a fol 973 sa' 974 tal-proċess.
[88] Ara a fol 975 sa' 1266 tal-proċess.

*current account miftuħ u Dok JB20*[89] *hu overdraft miftuħ. Tiddikjara li hemm safe deposit locker Preluna Branch (12938).*

*Sussegwentement l-istess xhud*[90] *tippreżenta sanction letter datata s-17 ta' Lulju 2012*[91]*. Ix-xhud tispjega wkoll li biex wieħed ikollu platinum card irid ikollu introjtu minimu ta' €42,000 fis-sena dikjarat filwaqt li fuq gold card li tidher li hi magħluqa l-introjtu dikjarat irid ikun ta' minimu ta' €23,000 fis-sena. Il-Platinum card tal-attur ġiet maħruġa lill-attur fis-sena 2007 u ġialadarba toħroġ tali card il-Bank ma jerġax jitlob għal aktar dikjarazzjonijiet ta' dħul sakemm ma jinqalax xi ħaġa straordinarja.*

23. ***Stephen Cachia***[92] *in rappreżentanza ta' Transport Malta jippreżenta Dok. SC1*[93] *li jirrappreżenta rendikont tal-vetturi preżenti f'isem l-attur u Dok. SC2*[94] *li juri l-vetturi passati tiegħu;*

24. ***PC675 Franco Grima***[95] *li jesebixxi r-rapporti ntavolati mill-intimata fil-konfront tal-attur dwar il-manteniment*[96] *u l-fedina penali tal-istess attur*[97]*;*

25. ***Miriam Sultana***[98] *in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange li tgħid li mir-riċerka li għamlet sabet kont wieħed li mhux attiv u b'bilanċ żero fuq l-intimata*[99] *filwaqt li fuq l-attur sabet kont wieħed*[100] *li hu attiv u li għandu 37,704 BOV shares;*

26. *Ċertifikat mediku maħruġ minn Mr. Massimo Abela li juri li l-attur ma jistax jibqa' jaħdem*[101]*;*

---

[89] Ara a fol 1267 sa' 2025 tal-proċess.
[90] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-20 ta' Ġunju 2017.
[91] Ara Dok. JBA1 esebit a fol 2028 tal-proċess.
[92] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-1 t'Ottubru 2018.
[93] Ara a fol 2049 tal-proċess.
[94] Ara a fol 2057 tal-proċess.
[95] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-1 t'Ottubru 2018.
[96] Ara Dok. FG1 sa' Dok. FG25 esebiti a fol 2062 sa' 2133 tal-proċess.
[97] Ara Dok. FG26 esebit a fol 2134 tal-proċess.
[98] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata l-1 t'Ottubru 2018.
[99] Ara Dok. MS1 esebit a fol 2136 tal-proċess.
[100] Ara Dok. MS2 esebit a fol 2137 tal-proċess.
[101] Ara Dok. LA1 esebit a fol 2141 tal-proċess.

27. *Ċertifikat mediku maħruġ minn Mr. J. Casalletto li permezz tiegħu jiddikjara li qabel sena oħra l-attur żgur li mhux ser ikun jista' jaħdem wara operazzjoni li saritlu fi spalltu*[102]*;*

28. ***Michael Savona***[103] *in rappreżentanza tal-AwtoB' tat-Trasport f'Malta (Merchant Shipping Directorate) jgħid li ġie mitlub jixhed dwar kwalunkwe dgħajsa li jista' jkollu l-attur għal dawn l-aħħar 10 snin u jgħid li l-attur kellu dgħajsa fuq ismu fil-passat u dan għall-perjodu bejn l-20 ta' Mejju 2002 sal-4 ta' Novembru 2013. Fl-4 ta' Novembru 2013 id-dgħajsa inbiegħet u ġiet trasfeB fuq Penelope Tabone u ngħid li qed nagħti tali informazzjoni għaliex din hija informazzjoni pubblika. Jesebixxi li l-bill of sale relattiv*[104] *u jżid jgħid li l-AwtoB' tkun kuntenta b'dikjarazzjoni bħal ma hemm fl-istess dokument u ċioe' Dok MS1 u ċioe' "one Euro and other consideration". Ix-xhud jgħid ukoll li l-AwtoB' ma titlobx il-prezz tad-dgħajsa u lanqas inormazzjoni mingħand xi insurance company;*

29. *Nota tal-intimata li permezz tagħha tesebixxi estratt meħud mill-Facebook tal-attur f'liema jammetti li wara l-operazzjoni li għamel ir-recovery period tiegħu ser ikun ta' xahrejn u mhux ta' sena*[105]*, traskrizzjoni ta' telefonata li seħħet f'Novembru 2018 li minnha jirriżulta li l-attur għadu qed jaħdem bħala stilista*[106] *u r-recording relattiv għal tali traskrizzjoni*[107] *u estratti mill-Facebook tal-attur li jiddikjara li ma jaħdimx imma jitla' Londra għal Salon International ta' Toni & Guy u anke jippubbliċizza l-istess f'Ottubru 2018*[108]*;*

30. *Nota oħra tal-intimata li permezz tagħha tesebixxi estratti mill-Facebook tal-attur li jidher li qed jaħdem iżda wkoll li jsiefer għal training f'Londra (b'dan li r-ritratti huma datati l-11 ta' Frar 2019 u d-19 ta' Frar 2019)*[109] *kif ukoll estratt mill-Facebook tal-attur fejn jirreferi għall-klijenti ta' 'Tony & Guy' bħala "****our clients****"*[110]*;*

---

[102] Ara Dok. LA2 esebit a fol 2142 tal-proċess.
[103] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata d-9 ta' Jannar 2019.
[104] Ara Dok. MS1 esebit a fol 2161 tal-proċess.
[105] Ara Dok. A esebit man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Jannar 2019 a fol 2152 tal-proċess.
[106] Ara Dok. B esebit man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Jannar 2019 a fol 2153 tal-proċess.
[107] Ara Dok. Ċ esebit man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Jannar 2019 a fol 2154 tal-proċess.
[108] Ara Dok. D esebit man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Jannar 2019 a fol 2155 tal-proċess.
[109] Ara Dok. A esebit man-nota tal-intimata datata s-26 ta' Frar 2019 a fol 2164 tal-proċess.
[110] Ara Dok. B esebit man-nota tal-intimata datata s-26 ta' Frar 2019 a fol 2170 tal-proċess.

31. *Dokumenti maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li juru l-ammont ta' pensjoni li qed jipperċepixxi l-attur u ċioe' madwar €922 fix-xahar;*[111]

32. ***Il-PL Quentin Tanti***[112] *in rappreżentanza tal-MFSA preżenta dawk li huwa jsejjaħ l-all registered documents tas-soċjeta' T. & G. Ltd liema soċjeta' għandha numru ta' reġistrazzjoni C21851 u li kienet ġiet struck off fl-10 ta' Marzu 2016*[113]*. Jesebixxi wkoll batch ta' unregistered documents tal-istess kumpanija*[114] *kif ukoll **l-**all registered documents tas-soċjeta' Strada Plaza Limited (C30542)*[115] *li ġiet reġistrata 21/11/2002 u għadha attiva u batch ta' unregistered documents ta' Strada Plaza Ltd*[116]*. Jiddikjara li l-attur kien jew għadu involut f'tali kumpaniji. L-informazzjoni pero' saret abbażi tal-kumpaniji u mhux personalment/direttament. Ir-reġistratur tal-kumpaniji ma jistax jikkonferma minn min ikunu saru l-pagamenti lir-reġistru. Jippreżenta wkoll payment advice note u rċevuta tal-ħlas relattiv fuq id-dokumenti li esebejt illum*[117]*;*

33. ***Paula Camilleri***[118] *in rappreżentanza ta' Identity Malta li preżenta r-riċerki ta' G A C*[119]*, Toni & Guy*[120]*, Art Linea*[121] *u Strada Plaza*[122]*;*

34. *Nota tal-intimata li permezz tagħha tesebixxi estratti mill-Facebook tal-attur fejn jidher jirreklama korsijiet li s-soċjeta' ġestita minnu bl-isem Tony & Guy tkun se tagħmel*[123]*, għadd ta' ritratti u estratti meħuda mill-Facebook li juru li riċentement siefer l-Amerka*[124] *u estratt mill-Facebook tal-istess attur li permezz tiegħu jinforma lill-pubbliku li se jiftaħ ħanut ieħor ġewwa l-Ibraġġ, Swieqi*[125]*;*

[111] Ara d-dokumenti annessi mar-rikors tal-attur datat it-18 ta' Frar 2019 esebit a fol 2174 tal-proċess.
[112] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata s-6 ta' Marzu 2019.
[113] Ara Dok. QT1 esebit a fol 2196 tal-proċess.
[114] Ara Dok. QT2 esebit a fol 2197 tal-proċess.
[115] Ara Dok. QT3 esebit a fol 2205 tal-proċess.
[116] Ara Dok. QT4 esebit a fol 2206 tal-proċess.
[117] Ara Dok. QT5 esebit a fol 2209 tal-proċess.
[118] Ara s-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien datata t-18 t'Ottubru 2019.
[119] Ara Dok. PC1 esebit a fol 2513 tal-proċess.
[120] Ara Dok. PC2 esebit a fol 2524 tal-proċess.
[121] Ara Dok. PC3 esebit a fol 2526 tal-proċess.
[122] Ara Dok. PC4 esebit a fol 2528 tal-proċess.
[123] Ara Dok. A anness man-nota tal-intimata datata t-23 ta' Settembru 2019 a fol 2223 tal-proċess.
[124] Ara Dok. B anness man-nota tal-intimata datata t-23 ta' Settembru 2019 a fol 2225 tal-proċess.
[125] Ara Dok. Ċ anness man-nota tal-intimata datata t-23 ta' Settembru 2019 a fol 2234 tal-proċess.

35. *Nota tal-intimata li permezz tagħha tesebixxi ritratti u estratti meħuda mill-profil tal-Instagram tal-attur li juru li riċentement reġa' siefer lejn l-Amerika, preċiżament Las Vegas*[126] *u għadd ta' ritratti u estratti meħuda mill-profil ta' Facebook tal-attur li juru safar tiegħu inkluż bi private jets*[127]*;*

36. *Nota tal-intimata li permezz tagħha tesebixxi ritratt meħud mill-Instagram page tad-ditta Tony & Guy li juru lill-attur jaħdem bħala hairdresser*[128]*, Btt meħud mill-Facebook tal-attur jirriklama s-soċjeta' Tony & Guy u l-ħinijiet estiżi tal-istess*[129] *u għad ta' ritratti meħuda mill-Facebook u l-Instagram tal-attur mil-liema jirriżulta li fi ftit xhur jekk mhux ġimgħat reġa' siefer lejn l-Istati Unini għal vaganza oħra*[130]*;*

37. *Kopja ta' kuntratt ta' lokazzjoni bejn l-intimata u terzi datata d-29 ta' Frar 2012*[131] *relattiv għall-fond fi ground floor level bla numru uffiċċjali, internament immarkat bin-numru 1 fi Triq il-Qawra;*

8. *Illi għalhekk f'dan l-istadju l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti l-prinċipji legali applikabbli għall-każ odjern, it-talbiet tal-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata:*

*Jibda biex jingħad li jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-punt kruċjali u l-pern tal-kawża odjerna hu jekk hemmx lok għal varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni jew le u jekk fl-affermattiv b'liema mod. Il-partijiet ħadu posizzjoni konsistenti tul il-mori tal-kawża billi l-attur iffoka billi jressaq provi bil-għan li tali manteniment jitwaqqaf b'mod assolut u b'mod sussidjarju sabiex il-manteniment jiġi ridott filwaqt li l-intimata baqgħet tisħaq li tali manteniment għandu jibqa' jitħallas skont kif pattwit bejniethom fil-kuntratt ta' separazzjoni.*

***(a) <u>Dwar it-Talba Prinċipali sabiex l-attur ma jibqax obbligat iħallas manteniment lill-intimata martu skont il-kuntratt ta' separazzjoni</u>***

[126] Ara Dok. A anness man-nota tal-intimata datata s-6 ta' Diċembru 2019 a fol 2532 tal-proċess.
[127] Ara Dok. B anness man-nota tal-intimata datata s-6 ta' Diċembru 2019 a fol 2535 tal-proċess.
[128] Ara Dok. A anness man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Diċembru 2019 a fol 2546 tal-proċess.
[129] Ara Dok. B anness man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Diċembru 2019 a fol 2547 tal-proċess.
[130] Ara Dok. Ċ anness man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Diċembru 2019 a fol 2548 tal-proċess.
[131] Ara a fol 2577 tal-proċess.

*L-attur jgħid li hemm lok sabiex il-manteniment dovut minnu skont il-kuntratt jiġi mwaqqaf għal bosta raġunijiet fosthom:*

I. *Li issa pensjonant;*

II. *Li m'huwiex qiegħed jaħdem;*

III. *Li n-negozju ma baqax dak li kien għaliex kellu jagħlaq numru ta' ħwienet;*

IV. *Li l-introjtu tiegħu naqas drastikament;*

V. *Li għandu wlied oħra ma' terz li jrid imantni wkoll;*

VI. *Li għandu problemi ta' saħħa;*

VII. *Li l-intimata għandha mezzi biżżejjed anzi skont hu aħjar minnu sabiex tgħix u tmantni lilha nnifisha u konsegwentement m'għandhiex bżonn tali manteniment*

*Illi abbażi ta' dawn l-argumenti (u l-provi mressqa in sostenn tagħhom) allura l-esponenti trid tasal għal konklużjoni dwar jekk hemmx lok għal ordni li tali manteniment jiġi mwaqqaf jew le u jekk tali raġunijiet jistgħux jiġu kunsidrati bħala biżżejjed sabiex il-manteniment tal-intimata jiġi mwaqqaf. Jiġi rilevat li l-kuntratt datat id-29 ta' Awwissu 2007 fl-Atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall[132] ma jinkludi ebda kondizzjoni li permezz tagħha l-obbligu għall-manteniment jista' jitwaqqaf għalkemm jinkludi ż-żieda kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Biex tali ammont jiġi varjat, iż-żewġ partijiet iridu jagħtu l-kunsens (li naturalment tali kunsens ma jeżistix għaliex kieku l-partijiet mhux qiegħdin f'din il-battalja legali) jew irid ikun hemm ordni mill-Qorti (ordni li jitlob l-istess attur permezz tal-kawża odjerna). Dawn huma l-klawsoli li jsemmu u li ffirmaw għalihom il-partijiet.*

[132] Esebit flimkien mar-rikors promotur u huwa esebit a fol 5 tal-proċess.

*Jerġa' jingħad li l-istess imsemmi kuntratt ma jagħmel ebda referenza għal xi forma ta' bdil fiċ-ċirkustanzi u għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti jirriżulta ċar li l-intenzjoni bejn il-partijiet kienet dik li tali manteniment da parti tar-rikorrent jibqa' jitħallas versu martu fi kwalunkwe eventwalita' għaliex li kieku ried li tali manteniment jieqaf jitħallas f'każ bħal per eżempju li jkollha impjieg full-time jew f'każ li tkun qed tgħix jew tikkoabita ma' xi ħadd jew malli jsir pensjonant (kif wara kollox jidher li qed jargumenta wkoll permezz ta' waħda mill-premessi tiegħu fir-rikors promotur) allura l-istess kuntratt kien jirrifletti dan. L-esponenti tirrileva li għalhekk ftit hemm xi żżid mal-istess interpretazzjoni ta' dawn il-klawsoli. Jew irid ikun hemm ftehim għal varjazzjoni fil-kuntratt (li naturalment m'hemmx) jew irid ikun hemm ordni mill-Qorti dwar dan.*

*Il-mistoqsija allura segwenti hija – x'jista' jwassal lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-ħlas ta' manteniment u x'inhuma l-prinċipji li jżommuha milli tagħmel dan?*

***(b)*** ***<u>L-impossibilita' li l-attur iħallas manteniment</u>***

*L-intimat għalkemm ma jsemmix jew jiddikjara li hu impossibbli għalih li jħallas il-manteniment lill-intimata martu skont dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, jgħidha b'mod indirett jew jalludi għaliha jew jgħid li ser ikollu diffikultajiet sabiex ikompli jħallas u jżid jgħid li minħabba l-ispejjeż li għandu kif ukoll l-ulied li għandu ma' terz m'huwiex f'posizzjoni li jibqa' jħallas tali manteniment u li ser ikollu jbiddel il-lifestyle tiegħu. Dan jikkorraborah ukoll l-accountant Chris Tonna fix-xhieda tiegħu. L-attur fil-fatt jiddikjara li b'mod ċert ser ikun qed jiddependi biss fuq il-pensjoni mensili, dividends tal-BOV u kwalunkwe qliegħ limitat mis-shares tal-ħanut Plaza u għalhekk jibża' li mhux ser ikun biżżejjed biex ikompli jħallas il-manteniment li hu obbligat li jħallas skont il-kuntrat ta' separazzjoni. Anke minn kliem l-istess attur jidher li m'huwiex jikkontempla xenarju ta' impossibilita' imma ta' diffikulta'.*

*Il-Qrati tagħna diġa' kellhom l-opportunita' li jidħlu fil-kwistjoni ta' bdil ta' manteniment <u>wara</u> li jkun hemm dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-miżżewġin. F'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Victoria Camilleri F'isimha U Bhala Kuratrici Ad Litem Ta'***

***Uliedha Minuri Omar U Daniel Vs Mahmood Faraj Abdul Kareem*** *deċiża nhar it-2 ta' Novembru 1994 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Ċivili Superjuri) fejn ġiet diskussa u deċiża talba għal bdil ta' manteniment iffissat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, miftiehem bejn il-partijiet (kif wara kollox qiegħed jintalab fil-kawża odjerna) pero' bid-differenza li fil-każ ċitat ġiet eċċepita l-impossibilita' ta' ħlas tal-manteniment. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, wara li eżaminat diversi artikoli tal-Kodiċi Ċivili li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment u wara li rat li f'dak il-każ il-partijiet kienu ftehmu dwar il-manteniment permezz ta' kuntratt imma eventwalment sar impossibbli għall-intimat li jibqa' jonora tali ftehim, għamlet referenza għal sentenza tal-1956 li rreteniet li l-alimenti stabbiliti bis-saħħa ta' transazzjoni ma jistgħux jitħassru ħlief bil-kunsens tagħhom pero' fl-istess ħin imxiet mal-massima "***Nemo ad impossibilia tenetur***". L-esponenti kif ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem umilment tissottometti li ċertament ma jistax jingħad li l-attur qiegħed fl-impossibilita' li jħallas il-manteniment kif obbligat li jagħmel pero' anke li kieku wieħed kellu jaċċetta tali xenarju (li ċertament mhux il-każ), il-fatt li li l-attur ikun ġab lilu nnifsu f'posizzjoni li jkun impossibbli għalih li jħallas il-manteniment relattiv ċertament ma jeżoneraħx mill-ħlas.*

***(c)*** ***Il-Prinċipju ta' Pacta Sunt Servanda***

*L-argument oppost għall-impossibilita' tal-ħlas ta' manteniment hu dak abbinat mal-prinċipju ta' pacta sunt servanda u ċioe' li ġialadarba l-partijiet ftehmu bil-mod indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni, allura dak għandu jibqa' japplika u jibqa' viġenti bejn il-partijiet.*

*F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza għall-prinċipju legali pacta sunt servanda u għall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:*

***"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".***

*Ai termini tal-istess Artikolu, imbagħad issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:*

- ***Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) fejn ġie ritenut li "**Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda**";*

- ***Onor. Edgar Cuschieri nominee vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) fejn ġie dikjarat li "**ġjaladarba kuntratt għandu forza ta' liġi bejn il-partijiet li jagħmluh, l-interpretazzjoni tiegħu tinneċessita li wieħed jestraja minnu, skond ir-regoli magħrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti**";*

- ***Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) u Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar) fejn ġie ritenut li "**l-qofol u pediment ta' kull liġi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, ċioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda**";*

- ***Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan** f'ismu proprju u in rappreżentanza tas-soċjeta' Sullivans Limited (deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell), b'referenza għal Artikolu 992 tal-Kap. 16 ċitat aktar 'il fuq ġie ritenut li "**strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi**".*

*L-esponenti umilment tħoss li m'għandhiex għalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-każ odjern u kif tali intenzjonijiet għandhom jiġu rispettati u dan għaliex il-klawsoli tal-kuntratt huma ċari u ma jħallu ebda ombra ta' dubju dwar kif għandhom jiġu interpretati kif wara kollox diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq. Bl-akbar umilta' l-esponenti umilment tissottometti li l-prinċipju ta' pacta sunt servanda għandu japplika għall-każ odjern anke in vista tal-fatt li l-attur ma rnexxilux jipprova l-impossibilita' jew ċirkustanzi straordinarji li abbażi tagħhom jista' jwassal sabiex ma jibqax iħallas skont kif inhu obbligat li jagħmel – anzi jingħad li kienet l-intimata ressqet provi konvinċenti li l-kawża odjerna hija biss tentattiv da parti tiegħu sabiex ma jħallashiex dak li hu dovut legalment lilha u li jrid jiskappriċċaha minnu b'manuvri tattiċi.*

**(d)** ***<u>Dwar it-Talba Sussidjarja sabiex f'każ li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, l-manteniment jiġi ridott</u>***

*Ġialadarba l-esponenti kif spjegat aktar 'il fuq waslet għall-konklużjoni li l-ewwel talba ma tistax tiġi milqugħa u li l-manteniment lill-intimata fl-umli opinjoni tal-istess esponenti għandu jibqa' jitħallas, irid isir l-eżerċizzju dwar jekk l-attur irnexxilux jagħmel prova ta' ċirkustanzi li b'xi mod jistgħu iwasslu lil din l-Onorabbli Qorti biex xorta waħda tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni u konsegwentement tnaqqas il-manteniment pattwit bejn l-istess partijiet.*

*Irid jingħad li l-esponenti hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li m'huwiex minnu li l-attur m'għandux mezzi biex iħallas il-manteniment relattiv lill-intimata skont kif pattwit bejniethom kif m'huwiex minnu li m'huwiex f'qagħda finanzjarja sabiex jonora tali obbligi li kien hu stess li aċċetta u ta l-kunsens tiegħu għalihom hekk kif iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni personali mal-intimata. Dan qiegħed jingħad għaliex jirriżulta mill-atti li l-attur għamel minn kollox biex jisvesti ruħu mill-assi li kellu f'ismu biex jipprova jikkrea xenarju li m'għandux mezzi biex jagħmel il-pagamenti li obbliga ruħu li jagħmel. Dan joħroġ ċar per eżempju mill-fatt li trasferixxa l-cabin cruiser għall-ammont ridikolu ta' €1 lill-partner tiegħu Penelope Tabone u mill-fatt li trasferixxa s-shares ta' kumpaniji li kellhom introjtu sostanzjali bħal Art Linea Limited u Strada Plaza Limited fuq l-istess*

*partner tiegħu Penelope Tabone. Ma ressaq ebda ġustifikazzjoni dwar tali trasferimenti ħlief għal dak li jirrigwarda l-kumpaniji u ċioe' li l-*attur *isostni li kien waqaf jaħdem minħabba li laħaq l-eta' tal-*irtirar *–* irtirar *mix-xogħol li fil-veB' ma seħħx lanqas għaliex l-attur baqa' jaħdem ukoll minkejja li jipperċepixxi l-*pensjoni. L-esponenti tirrileva li apparti l-*fatt li tali argument ma jreġix għaliex is-sehem ta' tali kumpaniji ma kellhomx piż fuq il-fatt jekk l-attur jaħdimx jew le, l-argument ma jreġix ukoll għaliex m'huwiex minnu li l-attur waqaf jaħdem jew li ma baqax involut fin-negozju. Altru minn hekk! Lanqas ma jista' jingħad li l-*attur *kellu xi raġuni valida għala kellu jisvesti ruħu mill-istess sehem (bħal per eżempju dejn jew piżijiet oħra) għaliex dawn ċertament ma kienux kumpaniji li qiegħdin jagħmlu t-telf.*

*Jekk dan ma kienx biżżejjed, l-*intimata rnexxielha tipprova wkoll li l-*attur (minkejja li jgħid li m'għandux mezzi u li hu pensjonant) qiegħed jgħix ħajja lussuża b'dan li jsiefer ħafna (anke bi* private jet*), għandu* lifestyle *li ċertament ma tistax tinżamm jekk wieħed ikun qed jipperċepixxi biss il-pensjoni ta' circa €900 fix-*xahar *kif qed jipprova jargumenta l-*istess attur u fuq kollox irnexxielha tipprova wkoll li mhux minnu li *l-attur m'huwiex jaħdem. Dan allura jwaqqa' wkoll l-*argument li l-*attur ma jiflaħx jaħdem minħabba raġunijiet ta' saħħa għaliex jirriżulta mill-*atti *li xorta waħda baqa' jmur fis-*salon *u jaħdem.*

*Għalhekk ċertament ma jistax jingħad li l-attur m'għandux minn fejn iħallas. Li kieku verament ma kellux minn fejn iħallas, kien ibiegħ l-*assi *tiegħu fis-suq miftuħ (u mhux jitrasferixxi l-*cabin cruiser *per eżempju lit-tfajla tiegħu Penelope għall-ammont ta' €1) u kien ikollu biżżejjed rikavat biex iħallas il-*manteniment lil martu skond il-*kuntratt ta' separazzjoni.* Kien ukoll ibiddel il-*ħajja u l-istil li jgħix għal waħda aktar moderata iżda jirriżulta li dan ma* sarx lanqas *– anzi pjuttost bil-*kontra *u għalhekk jidher ċar li l-attur mhux m'għandux flus għall-manteniment iżda ma jridx iħallas* tali manteniment.

*Dan qiegħed jingħad apparti l-fatt li l-esponenti ma tistax tagħti kredibilita' lill-attur li ma jaħdimx bħala* hairdresser *meta fl-atti ġew preżentati* dokumenti li juru l-*kuntrarju u lanqas ma tista' tagħti kredibilita' lill-*istess *attur li jiddikjara li m'għandux biex iħallas il-*manteniment pattwit skond

*il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet meta kien hu stess li trasferixxa s-sehem tiegħu minn kumpaniji li kienu sejrin tajjeb.*

*Bir-rispett kollu jingħad li lanqas m'hu kredibbli l-argument tiegħu li issa ma jistax iħallas tali manteniment għax pensjonant – din hi ċirkustanza li naturalment kienet prevedibbli meta l-attur iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni u għalhekk ċertament tali ċirkustanza li tista' tiġi meqjusa biss bħala parti mill-mixja ta' kull bniedem fil-ħajja sakemm ma jiġix nieqes qabel l-eta' pensjonabbli, kienet prevedibbli u l-attur kellu kull opportunita' li jaħseb u jikkawtela d-drittijiet tiegħu għaż-żmien meta jkun pensjonant li kieku ried. Jekk l-attur ma ħasibx għal tali eventwalita' (għakemm dan m'huwiex kredibbli anke tenut kont tal-eta' tal-istess attur) allura tali nuqqas żgur li m'għandux jiġi rifless fuq l-intimata u m'għandhiex tkun hi li tbati għan-nuqqas ta' ħsieb jew nuqqas ta' diliġenza da parti tal-attur.*

*Li hu ċert, ovvju u ċar għall-esponenti hu li l-attur ittenta jintavola tali kawża bil-għan li jeżonera lilu nnifsu mill-ħlas ta' manteniment versu martu jew li għall-anqas inaqqas tali obbligu ta' ħlas iżda tali tentattiv ma jistax jiġi milqugħ anke jekk l-istess attur prova juri li l-intimata għandha introjtu jew xi forma ta' qliegħ għaliex dak li l-istess intimata akkwistat jew ġie assenjat lilha fil-kuntratt ta' separazzjoni ġie assenjat bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-istess partijiet u dak li akkwistat jew daħħlet bħala introjtu wara s-separazzjoni msemmija m'għandu ebda ness fuq il-mertu tal-kawża odjerna. Din m'hijiex kawża bbażata fuq il-bżonnijiet o meno tal-intimata (għalkemm l-attur jittenta jargumenta li l-manteniment għandu jitħallas skond il-mezzi tal-partijiet bħal li kieku qed jiġi likwidat permezz ta' din il-kawża) speċjalment in vista tal-fatt li dak li għandha l-intimata jew akkwistat l-istess intimata hu derivanti fil-maġġoranza tiegħu mill-kuntratt ta' separazzjoni personali u għalhekk, dak iż-żmien stess tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni l-attur kien mhux biss kuntent iżda taha l-approvazzjoni tiegħu u l-kunsens tiegħu biex dak li għadda fuq l-intimata għadda fuqha u fl-istess ħin kellha tibqa' tipperċepixxi l-manteniment. Dan hu dak li ftehmu fuqu l-partijiet.*

*Wara kollox irid jiġi rilevat li din il-kawża hi bbażata fuq il-premessa li l-attur m'għandux mezzi biex iħallas il-manteniment relattiv. Għalhekk il-provi kollha mressqa dwar l-assi u l-qliegħ tal-istess intimata **wara s-***

***separazzjoni*** *m'għandhom ebda piż fuq l-istess mertu tal-kawża għaliex dak li jrid jiġi deċiż hu jekk l-attur għandux bażi biex legalment iwaqqaf il-manteniment tal-intimata jew le u f'każ t'eżitu negattiv jekk għandux bażi legali sabiex inaqqas tali manteniment. Jekk l-intimata għandhiex mezzi jew le m'huwiex rilevanti u dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li sostniet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet* **Joseph Camilleri vs Marlene Camilleri** *deċiża nhar it-3 ta' Frar, 2012*[133].

*Il-fatt li l-attur għadu jaħdem (u dan ġie kkonfermat minnu stess f'recording li ġie esebit flimkien mat-traskrizzjoni relattiva fl-atti tal-kawża*[134]*), il-fatt li l-attur trasferixxa l-cabin cruiser lill-partner tiegħu għall-ammont ta' €1, il-fatt li l-attur żvesta ruħu mill-karigi relattivi tal-kumpaniji u trasferixxa kollox fuq il-partner tiegħu, il-fatt li l-attur jgħix ħajja komda u lussuża u l-fatt li dawn kollha fl-assjem tagħhom huma atti volontarji li għamel l-istess attur iwasslu lill-esponenti għall-konklużjoni li m'huwiex minnu li l-attur m'għandux il-mezzi biex iħallas il-manteniment relattiv lill-intimata u li l-istess attur m'għandux jiġi premjat għal atti li saru b'intenzjoni ċara li l-intimata tiġi mċaħħda mid-dritt tagħha għall-manteniment naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni.*

***(e)*** ***Dwar it-Talba għall-varjazzjoni tal-klawsola numru 3 jew billi l-manteniment jitwaqqaf kompletament jew billi jiġi ridott (skond l-ewwel żewġ talbiet)***

*L-esponenti tirrileva li l-prinċipju ta' pacta sunt servanda kien applikat b'mod riġidu għall-aħħar mill-Qrati tagħna b'dan li prattikament ma kienx hemm lok għal xi forma ta' varjazzjoni f'kuntratt li ġie publikat bejn il-partijiet b'mod volontarju. Pero' maż-żmien kif tispjega tajjeb l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet* **Joseph Camilleri vs Marlene Camilleri** *deċiża nhar it-3 ta' Frar, 2012*[135] *ġie ritenut li hemm ċirkustanzi speċjali u straordinarji li jistgħu iwasslu għal tali varjazzjoni. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell:*

133 Appell Ċivili Numru. 7/2007/1.
134 Ara **Dok. B** u **Dok. Ċ** rispettivament annessi man-nota tal-intimata datata d-9 ta' Jannar 2019 a fol 2151 tal-proċess.
135 Appell Ċivili Numru. 7/2007/1.

*"**Illi in vena legali jiġi osservat li l-pożizzjoni legali kif abbraċċjata mill-ġurisprudenza interpretattiva hija li "fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt għandu wkoll igħodd fermament il-prinċipju ta' pacta sunt servanda. Il-qrati tagħna, minkejja li fil-bidu jirriżulta li addottaw pożizzjoni riġida, anzi waħda inflessibbli, meta ġew rinfaċċjati b'talbiet għar-reviżjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftiehma bejn il-konjuġi stess, mal-milja tażżmien ħassew in-neċessità li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull liġi jew ftehim bejn ilpartijiet, kellhom jikkonċedu illi taħt ċertu ċirkostanzi li ġew kwalifikati bħala ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-attur li ġabuh fl-impossibilità li jħallas ir-retta alimentari, allura f'każi simili jista' jkun hemm lok għal varjazzjoni** ..." u żżid tgħid li sabiex dan l-argument jirnexxa l-attur "...**għandu l-oneru li jipprova l-impossibilità da parti tiegħu li jkompli jeżegwixxi l-obbligu kontrattwali; impossibilità din, derivanti minn ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali, indipendenti mill-volontà tal-attur; u huwa biss f'każ li hu jirnexxi f'din il-prova li sussegwentement isir l-eżami għar-reviżjoni**".*

*Għalhekk jidher ċar li l-prinċipju relatat mal-pacta sunt servanda għandu japplika bħala prinċipju legali li jorbot il-partijiet u jkun biss f'każijiet speċjali u estremi li jkun hemm lok għal bdil f'dak li ġie bonarjament pattwit. Jiġi rilevat li r-rikorrent fil-kawża odjerna ma jikkontendix li huwa impossibbli għalih li jħallas tali manteniment lil martu iżda li ser ikun diffiċli – diffikulta' li l-attur se mai ġab fuqu stess.*

*L-esponenti umilment tirrileva li lanqas ma jeżistu l-elementi estremi li jagħtu lok għal bdil tal-kuntratt ta' separazzjoni għaliex se mai il-bdil fiċ-ċirkustanzi allegati huma fil-maġġor parti tagħhom tibdiliet li għamel l-attur b'mod konxju u b'deċiżjoni tiegħu stess. Ma ġiet imposta lilu l-ebda deċiżjoni li per eżempju jitrasferixxi l-yacht fuq Penelope Tabone u ma ġiet imposta lilu l-ebda deċiżjoni li per eżempju jneżża' lilu nnifsu mis-sehem li kellu fil-kumpaniji. Ir-raġunijiet li jagħti r-rikorrent fil-każ odjern huma biss raġunijiet li fl-umli opinjoni tal-esponenti jew setgħu faċilment ġew inklużi fil-kuntratt ta' separazzjoni meta ġie ffirmat u konkluż bejniethom (jekk verament hekk riedu – pero' l-kuntratt ta' separazzjoni ma jwassalx għal tali konklużjoni) jew huma raġunijiet li l-attur stess ħa u attwa u*

*konsegwentement irid jerfa' r-responsabbilita' għalihom hu personalment u mhux l-intimata martu.*

*Fiż-żmien meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrent kien kuntent li jobbliga ruħu li jħallas manteniment għal martu. Ir-raġuni għala aċċetta li jagħmel dan ftit li wisq għandha importanza. Iżda jibqa' l-fatt li ma kkwalifika bl-ebda mod tali dritt ta' manteniment u konsegwentement, fl-umli opinjoni tal-esponenti m'hemmx lok li dak li ġie pattwit bonarjament bejn il-partijiet jiġi emendat.*

***(f)*** ***Dwar it-Talba relatata mal-ishma u l-allegat nuqqas da parti tal-intimata li tassenja tali bonds, stocks u ishma skont il-kuntratt ta' separazzjoni***

*L-attur jikkontendi li l-intimata naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha tal-kuntratt ta' separazzjoni għaliex m'assenjatx bonds, stocks u ishma li skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom kellhom isiru proprjeta' esklussiva tal-istess attur.*

*L-esponenti tirrileva li din il-parti tal-kawża donnha ingħatat il-ġenb fis-sens li ftit li xejn tressqu provi fuq dan. Fil-fatt jiġi rilevat li x-xhieda u d-dokumentazzjoni l-aktar relevanti għal din it-talba huma s-segwenti:*

*I.* *Ix-xhieda ta' Miriam Sultana in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange li tgħid li sabet kont wieħed li mhux attiv u b'bilanċ żero fuq l-intimata[136] filwaqt li fuq l-attur sabet kont wieħed[137] li hu attiv u li għandu 37,704 BOV shares;*

*II.* *Ix-xhieda ta' Quentin Tanti in rappreżentanza tal-MFSA li ma jirrappreżenta ebda dokument relattiv għal xi kumpanija li fiha hija involuta l-intimata iżda jippreżenta biss dokumenti relattivi għal kumpaniji li fihom l-attur kellu jew għad għandu xi forma t'involviment;*

*III.* *Dokumentazzjoni esebita u annessa mal-affidavit tal-attur[138] li tagħmel referenza għal investimenti (mingħajr dettalji li pero' mill-*

---

[136] Ara Dok. MS1 esebit a fol 2136 tal-proċess.
[137] Ara Dok. MS2 esebit a fol 2137 tal-proċess.
[138] Ara Dok. A sa' Dok. Ċ esebiti a fol 537 sa' 540 tal-proċess.

> *ittra tat-8 t'Ottubru 2005 jidher li huma investimenti li saru barra minn Malta) li l-attur talab lill-intimata sabiex iduru fuq ismu. L-esponenti tirrileva li fuq tali ittra hemm notament bil-miktub u l-firma tal-Avukat Dr. Sharon Mizzi għan-nom tal-intimata fejn iddikjarat li jekk l-attur jgħaddilha l-enkartament neċessarju, tkun lesta li tiffirma. Formanti parti mill-atti hemm ukoll ittra ffirmata minn B D u li ntbagħtet jew għall-anqas hija ndirizzata lill-Manager fil-Bank f'Jersey u li permezz tagħha tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-kont jingħalaq u li kwalunkwe ammont fl-istess kont jingħata lill-attur b'mod esklussiv. Dan ċertament juri li l-intimata żammet kelmtha u ffirmat sabiex dak li obbligat ruħha li jsir skont il-kuntratt ta' separazzjoni jseħħ. Jirriżulta wkoll li kien hemm xi żmien meta kien hemm xi problema relatata ma' tali kont għaliex il-flus ma setgħux jiġu rintraċċati. Kif jirriżulta mill-ittra tal-5 t'Ottubru 2006 hemm allegazzjonijiet li jagħmel l-attur fil-konfront tal-intimata martu liema allegazzjonijiet pero' fl-umli opinjoni tal-esponenti ma ġewx pruvati. Anzi kemm mill-firma tal-Avukat Mizzi Deguara fuq l-ittra tal-31 ta' Jannar 2005 u mill-ittra konġunta tal-partijiet tal-5 t'Ottubru 2011 jirriżulta li l-intimata riedet tiffirma u fattwalment kienet qed taqbel u konsegwentement ma jistax jingħad li m'onoratx l-obbligi tagħha. Provi ulterjuri fuq tali flus u kont bankarju ma tressqux u konsegwentement l-esponenti ma tista' bl-ebda mod tatribwixxi xi danni favur l-attur abbażi ta' tali dokumentazzjoni (anke naturalment għaliex l-esponenti ma sabet ebda wrong-doing fl-istess intimata).*

*Tenut kont ta' dak ċitat fil-paragrafu preċedenti, tenut kont tal-fatt li skond ix-xhieda ta' Miriam Sultana l-intimata għandha biss kont wieħed b'bilanċ ta' żero (u li l-attur m'huwiex qed jibbaża t-talba odjerna dwaru iżda qiegħed jibbaża tali talba fuq il-kont li kellu / għandu barra minn Malta kif wara kollox jirriżulta wkoll mill-affidavit tiegħu*[139]*) u tenut kont tal-fatt li r-rappreżentant tal-MFSA ma xehed fuq l-ebda interess tal-intimata f'xi kumpanija, allura l-esponenti tasal biex tikkonkludi li tali talba ma tistax tiġi milqugħa.*

[139] Ara paġna 3 tal-affidavit tal-attur a fol 535 tal-proċess.

**(g) *Dwar it-Talba għall-kundanna fuq l-intimata sabiex tassenja tali bonds, stocks u ishma lir-rikorrent u f'każ li dawn m'għadhomx jeżistu jew naqas il-valur tagħhom l-intimata tiġi kkundannata tħallas il-valur tagħhom flimkien mal-imgħaxijiet***

*L-attur jargumenta li l-intimata m'aderixxietx mal-obbligi tagħha skont il-kuntratt ta' separazzjoni u għalhekk qed jitlob ordni mill-Qorti biex l-istess intimata tagħmel dan.*

*L-esponenti umilment tirrileva li:*

I. *ġialadarba jirriżulta li sa' mis-sena 2005 l-intimata kienet iddikjarat li lesta li tiffirma sabiex isir tali trasferiment*[140]*;*

II. *ġialadarba jirriżulta li l-intimata ffirmat ittra konġuntiva mal-attur*[141] *u li permezz tagħha tat il-kunsens tagħha sabiex tali flus jiġu trasferiti lill-attur b'mod esklussiv;*

III. *ġialadarba jirriżulta wkoll li tali flus ma setgħux jiġu rintraċċati*[142]*;*

IV. *ġialadarba m'hemm ebda prova fl-atti dwar jekk tali flus attwalment ġewx rintraċċati u jekk l-ittra konġuntiva tal-partijiet laħqitx l-iskop tagħha u ċioe' li l-flus jgħaddu għand l-attur u f'każ li dan sar f'liema ammont,*

*allura tali talba ma tistax tiġi milqugħa lanqas għaliex anke li kieku kien hemm żvalutar fl-ammont dovut (b'dan pero' li ma tressqet ebda prova dwar dan), dan ma jistax jiġi attribwit lill-istess intimata stante li minn ittra tal-abbli difensur tal-attur, illum elevat għall-ġudikatura, l-Imħallef Dr. Anthony Ellul jiddikjara li tali flus iridu jiġu rintraċċati – u dan ċertament ma jistax jiġi attribwit lill-intimata.*

**(h) *Dwar it-Talba għan-nomina ta' Nutar sabiex jippublika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni***

[140] Ara Dok. A anness mal-affidavit tal-attur a fol 537 tal-proċess.
[141] Ara Dok. B anness mal-affidavit tal-attur a fol 539 tal-proċess.
[142] Ara l-ittra datata t-3 t'Awwissu 2006 esebita a fol 538 tal-proċess.

*Illi l-esponenti umilment tirrileva li ġialadarba waslet għall-konklużjoni li l-manteniment tal-intimata għandha jibqa' jitħallas mill-attur u għandu jitqies li jibqa' dovut u ġialadarba m'hemmx lok għal varjazzjoni fl-imsemmi manteniment abbażi tar-raġunijiet u l-prinċipji legali ċitati aktar 'il fuq m'hemm ebda bżonn jew neċessita' li jiġi nominat Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv ta' varjazzjoni. Fil-veB' l-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet għandu jibqa' viġenti bejniethom kif inhu mingħajr ebda forma ta' emenda u konsegwentement m'hemm ebda lok sabiex din it-talba tiġi milqugħa.*

***<u>Konklużjoni</u>***

*Illi għalhekk, mill-provi kollha prodotti u fil-fehma umli tal-esponenti, l-attur ma rnexxilux juri li għandu bażi legali sabiex jgħeleb l-ostakolu li jiġi applikat il-prinċipju ta' pacta sunt servanda u fuq kollox ma rnexxilux juri sal-grad rikjest mil-liġi li hemm ċirkustanzi straordinarji li jistgħu jagħtu lok għal xi forma ta' riduzzjoni fil-manteniment dovut lill-intimata. Lanqas ma rnexxielu jagħti prova tal-allegat nuqqas da parti tal-istess intimata li taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni jew li kkawżatlu xi danni u konsegwentement, dejjem fl-umli opinjoni tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti għandha:*

1. *Tiċħad l-ewwel talba;*
2. *Tiċħad it-tieni talba;*
3. *Tiċħad it-tielet talba;*
4. *Tiċħad ir-raba talba;*
5. *Tiċħad il-ħames talba;*
6. *Tiċħad is-sitt talba.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu, l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel xi osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

2. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn il-partijiet li huma ġja legalment separati bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Dr Natasha Pace Asciak datat 21 ta' Lulju 1999, fejn *inter alia* tali kuntratt jirregola l-manteniment li l-attur obbliga ruħu li jgħaddi lill-intimata. Fid-dawl ta' dan, klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt in kwistjoni jistabbilixxi s-segwenti:

*"Il-komparenti A G C qieghed jobbliga ruhu li jghaddi lill-komparenti martu B C is-somma ta' mija u sittax-il lira Maltin (LM 116) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha.*

*Jigifieri miftiehem illi din ir-rata alimentarja tista' tigi varjata bil-kunsens taz-zewg komparenti jew fin-nuqqas bl-ordni tal-Qorti. Il-komparenti konjugi jaqblu u jifthiemu illi r-retta alimentarja tigi awmentata kull sena skond iz-zidiet moghtija mill-Gvern ghall-gholi tal-hajja."*

Barra minn hekk, l-istess kuntratt jirregola ukoll il-waqfien u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet tadopera bejn il-partijiet, fejn b'mod speċifiku fi klawsola ennumerata (d) f'paġna numru sitta (6) ġie stipulat illi:

*"Il-komparenti B C qeghda tassenja u titrasferixxi lill-komparenti A G C, accettanti, in-nofs indiviz rapprezentanti sehemha mill-bonds, stocks u ishma kollha li ghandha investiti kemm f'isimha persnali kif ukoll f'isem ir-ragel jew f'isem l-istess konjugi C.*

*Il-komparenti A G C jobbliga ruhu li jhallas lill-komparenti B C is-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm 2,200) restitwibbli fi zmien tlett (3) snin mil-lum, mnghajr imghax ghas-saldo ta' sehemha mill-bonds, stocks u ishma. Fin-nuqqas li jaghmel dan, jibda jiddekorri l-imghax fuq l-istess bir-rata legali.*

*Il-komparenti B C qeghda tawtorizza lill-banek lokali sabiex kwalsiasi bonds, stocks u ishma registrati f'isimha sal-lum jigu registrati fuq isem A G C jew terzi skond direzzjoni tal-istess A G C".*

F'dan l-istadju, l-attur qiegħed jipproċedi bil-kawża odjerna kontra l-intimata billi jitlob:

i. Dikjarazzjoni illi jeżistu raġunijiet validi sabiex jitwaqqaf il-manteniment kif pagabbli minnu lill-intimata, u fin-nuqqas ta' dan *se mai* tali manteniment jiġi mnaqqas;

ii. Ordni sabiex tali manteniment jitwaqqaf, jew fin-nuqqas ta' dan *se mai* jiġi jmnaqqas, bil-konsegwenza li klawsola numru tlieta (3) kif elenkata fil-kuntratt ta' separazzjoni tiġi varjat u modifikata f'dan is-sens;

iii. Dikjarazzjoni illi l-intimata kisret il-kundizzjoni tal-kuntratt u ma onoratx l-obbligi tagħha fir-rigward tal-*bonds, stocks* u ishma li kellhom jiġu assenjati lill-attur, u konsegwentament l-istess intimate tiġi kkundannata tassenja l-istess jew tal-inqas il-valur tagħhom lill-attur;

iv. Nomina ta' nutar pubbliku għall-publikazzjoni tal-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, u kif ukoll ta' kuraturi sabiex jidhru fuq l-istess kuntratt ta' varjazzjoni f'eventwalita' ta' kontumaċja.

Min-naħa l-oħra, l-intimata toġġezzjona għat-talbiet kollha tal-attur.

## 3. Il-Verżjonijiet tal-Partijiet u l-Provi Mresqa Minnhom:

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mresqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjazzjoni ta' kuntratt.

In tema legali jingħad illi *una volta* t-talba in diżamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-*punto di partenza* għandu jkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika l-prinċipju legali *pacta sunt servanda*. Tali prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[143] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi riżolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teżiġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[144] F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015, fejn ġie ribadit illi:

*"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha blekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-*

[143] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.
[144] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino**, u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

*kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359****). F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (****Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998)*** *– Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont luzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda****".*

B'referenza partikolari għal kuntratti li jitrattaw is-separazzjoni personali, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Walter Borg St John vs Christine Borg St John**,[145] fejn ġie spjegat illi: *"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali".*

Fil-każ odjern l-Qorti għandha quddiemha kuntratt ta' separazzjoni vinkolanti bejn il-partijiet kontendenti, li qiegħed jirregola numru ta' kwistjoni iżda ma hemmx il-kunsens taż-żewġ partijiet sabiex issir il-varjazzjoni fir-rigward ta' manteniment hekk kif mitluba mill-attur. Għaldaqstant fl-azzjoni odjerna si tratta

[145] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2002.

l-varjazzjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet misti, fejn mad-daqqa ta' għajn jidher li l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq Artikolu 54 subinċiz 9 u l-Artikolu 21 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili li jittrattaw l-obbligu tal-manteniment. Għaldaqstant jiġi osservat illi hawn *si tratta* ta' manteniment pattwit bonarjament bejn il-partijiet u mhux manteniment ordnat b'sentenza ta' Qorti. Dan qed jingħad għaliex il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tagħmel distinzjoni bejn il-wieħed u l-ieħor.

F'ambitu ta' separazzjoni personali *ex contractu,* kien hemm żmien fejn il-Qrati tagħna kienu ferm riġidi tant li ma kienux jippermettu ebda varjazzjoni, inkluż varjazzjonijiet fir-rigward ta' mantenimenti (*vide* s-sentenza fl-ismijiet **Mary Vella vs Mario Vella**[146]). Madanakollu, maż-żmien din l-inflessibilita' naqset ftit, iżda ma ġietx eradikata għal kollox, u dan kif rifless mill-ġurisprudenza nostrana. Fil-fatt fil-kuntest ta' mateniment u d-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda,* il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech vs Pauline Grech**,[147] rribadiet illi:

"*Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja*

[146] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Jannar 1996.
[147] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' April 2004.

*u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*

Għaldaqstant mill-ġurisprudenza appena ċitata, jidher illi fir-rigward ta' separazzjoni *ex contractu*, dawn jistgħu biss jiġu varjati f'każ li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet. Dan l-insenjament ġie spjegat ulterjorament fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**,[148] hekk kif il-Qorti tal-Appell saħqet illi:

*"F'dik is-sentenza (b'referenza għas-sentenza Alfred Grech vs Pauline Grech), din il-Qorti wara li kkunsidrat il-gurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Mary Vella v. Mario Vella**,[149] ikkonkludiet li, filwaqt li l-principju pacta sunt servanda ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ad impossibilia nemo tenetur, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt".*

*In breve parole* jiġi spjegat u dan kif ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Beatrice Sare' vs William Sare'**,[150] l-eżerċizzju tal-Qorti meta rinfaċċjata b'talba bħal dik odjerna għandu jinqasam fi tnejn (2), ċjoe' fejn *in primis* il-Qorti għandha l-obbligu li tevalwa jekk r-reviżjoni mitluba tkunx ġiet ikkontemplata mill-partijiet fil-kuntratt u fil-ftehim minnhom iffirmati. Fin-nuqqas ta' dan fejn il-partijiet ma jkunux stabbillixxew ċirkostanzi fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi varjat fil-futur, il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tgħaddi sabiex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-parametri ta' dak li ġie mgħallem mill-Qorti fis-

[148] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012.
[149] App.Inf - deciza 11/01/1996.
[150] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Mejju 2013, mhux appellata.

sentenza flismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**,[151] fis-sens illi b'mod ġenerali għandu japplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda għandu japplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Dan l-insenjament kompla ġie addottat riċentament minn din il-Qorti fis-sentenzi: (i) **Michael Gerald Mifsud vs Susan Midolo**,[152] (ii) **Mary Ann Buhagiar vs Stefan Farrugia**,[153] (iii) **Joseph Caruana vs Claudette Camilleri**,[154] (iv) **Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana**.[155]

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:

Il-kawża li għandha quddiemha l-Qorti hija maqsuma fi tnejn, ċjoe': (i) talba relatata mal-varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni, u (ii) talba relatata mal-infurzar tal-obbligi kif elenkati fl-istess kuntratt.

Għal kull *buon fini*, il-Qorti tara idoneju li tissottolineja illi permezz tal-kawża odjerna, l-attur bl-ebda mod ma qiegħed jattakka l-validita' tal-kuntratt in kwistjoni, tant li l-attur imkien ma jallega illi l-kunsens tiegħu kien vizzjat, u lanqas ma talab ir-rexxissjoni tal-ftehim innifsu. Għaldaqstant ġialadarba l-validita' tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet ma hiex attakkata jeħtieg li t-talbiet prinċipali tal-attur jiġu evalwati fid-dawl tat-termini stretti tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

*Talba relatata mal-Varjazzjoni ta' Kuntratt ta' Separazzjoni:*

Applikati l-prinċipji legali surreferiti għal każ in diżamina, sabiex tasal għall-konklużjoni dwar jekk it-talbiet tal-attur f'dan ir-rigward jimmeBwx jiġu akkolti *o meno*, il-Qorti trid tevalwa:

i. Jekk il-varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni hijiex kontemplata fis-sens illi fl-imsemmi kuntratt hemmx indikat dawk iċ-ċirkostanzi partikolari fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi b'xi mod varjat;

[151] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012.
[152] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar is-7 ta' Lulju 2020, mhux appellata.
[153] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar il-14 ta' Ottubru 2021, mhux appellata.
[154] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhua appellata.
[155] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata.

ii. Fin-nuqqas tas-suespost, teżamina l-pożizzjoni fis-sens illi b'mod ġenerali tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Fil-każ odjern, il-Qorti rat il-klawsola li fuqha qiegħed jibbaża ruħu l-attur, ir-raġunijiet mresqa minnu sabiex jiġġustifika tali varjazzjoni u l-provi sabiex jissostanza l-istess. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti taqbel pjenament mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali, ċjoe' illi:

i. Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet ma jinkludix fih ċirkostanzi u/jew kondizzjonijiet speċifiċi li permezz tagħhom l-attur seta' jitlob li l-manteniment jiġi mwaqqaf jew *se mai* ridott. Il-kuntratt sempliċiment jistipula illi *"din ir-rata alimentarja tista' tiġi varjata bil-kunsens taż-żewġ komparenti jew fin-nuqqas bl-ordni tal-Qorti"*, fejn tali klawsola hija waħda ġenerika u b'hekk kif irreteniet sewwa l-Perit Legali ġialadarba *"l-istess imsemmi kuntratt ma jagħmel ebda referenza għal xi forma ta' bdil fiċ-ċirkustanzi u għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti jirriżulta ċar li l-intenzjoni bejn il-partijiet kienet dik li tali manteniment da parti tar-rikorrent jibqa' jitħallas versu martu fi kwalunkwe eventwalita' għaliex kieku ried li tali manteniment jieqaf jitħallas f'każ bħal per eżempju li jkollha impjieg full-time jew f'każ li tkun qed tgħix jew tikkoabita ma' xi ħadd jew malli jsir pensjonant (kif wara kollox jidher li qed jargumenta wkoll permezz ta' waħda mill-premessi tiegħu fir-rikors promotur) allura l-istess kuntratt kien jirrifetti dan"*.[156]

Għalhekk u in vista li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-waqfien jew ir-riduzzjoni tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-intimata, u fin-nuqqas ukoll ta' ċirkostanzi speċifiċi fil-kuntratt ta' separazzjoni, tali sitwazzjoni ġiet imqiegħda għall-ġudizzju tal-Qorti, fejn din tal-aħħar sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha għandha tapplika l-prinċipji legali kif mgħallem mill-ġurisprudenza nostrana.

ii. F'dan l-istadju l-Qorti trid tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala

[156] Fol. 2656.

deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*. B'hekk stabbilit il-premess, dak li l-Qorti trid tinvestiga huwa jekk l-allegati tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-attur humiex tali jwassluh għall-impossibilita' tiegħu, u mhux sempliċiment diffikulta', li jħallas il-manteniment lil martu skont il-kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Lulju 1999.

Il-Qorti ukoll tara li l-attur fl-ebda waqt ma jiddikjara li huwa impossibbli għalih li jkompli jħallas il-manteniment lill-intimata skont kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, iżda jisħaq illi *"din ir-retta alimentarja, kif issa mizjuda wkoll skont l-indici tal-gholi tal-hajja b'mod li zdiedet drastikament u ser tkompli tizdied, hi wahda ezorbitanti, u qed tigi kagunata tbatija kbira lir-rikorrent, billi l-qaghda finanzjarja tieghu tbiddlet radikalment ghall-aghar mill-iffrmar ta' tali kuntratt, anke minhabba l-istat ta' sahhtu u l-eta' tieghu, b'tali mod li l-istess rikorrent ma jistax ihallas aktar din ir-retta alimentarja hekk qawwija"*.[157] Għaldaqstant b'mod indirett u minn kliem l-attur stess, jirriżulta lil Qorti illi l-attur qiegħed jisħaq li ser ikollu diffikulta' u mhux impossibilita' biex ikompli jħallas tali manteniment, tant li ser ikollu jbiddel il-*lifestyle* tiegħu stante li huwa ser ikun qiegħed jiddependi biss fuq il-pensjoni mensili, *dividends* tal-Bank of Valletta plc, u kwalunkwe qligħ limitat minn *shares* tal-ħanut Plaza. Sabiex jissostanza tali verżjoni, l-attur iressaq ix-xhieda tal-*accountant* tiegħu Chris Tonna.

Wara li l-Qorti rat il-provi mresqa mill-attur u kif ukoll tal-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali, il-Qorti setgħat faċilment tasal għall-istess konklużjoni tal-Perit Legali illi l-attur ma rnexxilux jipprova l-impossibilita' tiegħu li jkompli jonora l-ftehim li daħal għalih lura fl-1999. Il-Qorti hija moralment konvinta li ma huwiex minnu li l-attur ma jinsabx f'pożizzjoni finanazjarja li jista' jonora l-obbligu ta' ħlas ta' manteniment, hekk kif mill-provi mresqa jirriżulta ampjament ċar li l-attur żvesta ruħu b'mod volontarju fil-konfront tas-sieħba tiegħu Penelope Tabone,[158] bit-tama' li jikkreja xenarju li ma għandux mezzi suffiċjenti sabiex iħallas il-manteniment lil martu. Barra minn hekk, l-attur lanqas ma huwa kredibbli fil-verżjoni tiegħu, hekk kif mill-atti jirriżulta ċar illi nonostante ċertifikati

[157] Fol. 2.
[158] Ara *inter alia*: (i) t-trasferiment tal-*cabin cruiser* lil Penelope Tabone għall-ammont redikolu ta' €1, u (ii) it-trasferiment ta' *shares* ta' kumpaniji bl-isem ta' Art Linea Ltd U Strada Plaza lil Penelope Tabone, li kellhom introjtu sostanzjali.

mediċi li ma jistgħax jaħdem, lill-Qorti xorta waħda rriżultalha li l-attur baqa' jaħdem u dan minkejja kwalsiasi problemi ta' saħħa u l-eta' pensjonabbli. *Di piu'* l-attur ma offriex ġustifikazzjoni għall-iżvestiment tiegħu u l-*lifestyle* lussuża li ċertament tinvolvi nfiq ta' flus konsiderevoli. Għaldaqstant l-argument tal-attur ma jreġix, hekk kif il-Qorti għandha quddiemha numru ta' ritratti tal-*lifestyle* tiegħu u filmati saħansitra dawk li ġew imxandra fuq stazzjon televiżiv fejn l-attur stess jikkonferma dwar ix-xogħol, il-ħaddiema ngaġġati miegħu u l-problemi lavorattivi li affaċċja fil-pandemija tal-Covid-19. Minkejja l-fatt li l-attur jittenta jissostanzja l-argument tiegħu billi jiggranfa mal-fatt li l-intimata għandha numru ta' assi u qligħ tal-intimata, il-Qorti tisħaq illi tali tattika ma hijiex waħda li tħalli wisq frott, hekk kif dawn l-assi u qliegħ tal-intimata ma għandhom l-ebda piż fuq il-mertu tal-każ odjern.

Fid-dawl tas-suespost, u b'applikazzjoni tal-*pacta sunt servanda* u d-deroga minnha stess tal-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*, il-Qorti hija konvinta li l-attur la jinsab fid-diffikulta' u wisq anqas fl-impossibilita' li jibqa' jħallas il-manteniment lil martu. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tara li kien l-attur stess li volontarjament żvesta lilu nnifsu mill-assi li huwa kellu, u dan jidher li għamlu b'mod kappriċċuż. Għaldaqstant il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi ma jeżistux raġunijiet validi sabiex il-manteniment kif pattwit bejn il-partijiet jiġi mwaqqaf *in toto* jew *se mai* ridott, bil-konsegwenza li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jiġi varjat f'dan is-sens.

*<u>Talba relatata mal-Infurzar ta' Obbligi kif Elenkati fil-Kuntratt ta' Separazzjoni:</u>*

F'dan il-kuntest il-Qorti tara li l-attur jallega li l-intimata naqset milli tadderixxi ruħha mal-obbligi imposti fuqha permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fir-rigward ta' assenjazzjoni ta' *bonds*, *stocks* u ishma minn għand l-intimata għal fuq isem l-attur. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi fir-rigward ta' din it-talba l-provi huma skarsi, għajr:

i. Għax-xhieda ta' Miriam Sultana in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange, li minn riċerka sabet illi fuq isem l-intimata jeżisti kont inattiv b'bilanċ żero, filwaqt li fuq isem l-attur jeżisti kont attiv b'37,704 *shares* tal-Bank of Valletta plc;

ii. Għax-xhieda tal-Prokuratur Legali Quentin Tanti in rappreżentanza tal-MFSA, li fir-rigward tal-intimata ma jippreżenta l-ebda dokument li jistabbilixxi li hija b'xi mod involuta f'xi kumpanija, u dan a kuntrarju tal-intimat;

iii. Dokumentazzjoni eżebita mal-affidavit tal-attur, li jinkludu *inter alia*:

a. Ittra fejn l-attur talab lill-intimata sabiex ċertu investimenti li saru barra minn Malta jduru fuq ismu, fuq liema ittra hemm notament mill-avukat tal-intimata li jekk l-attur jgħaddilha l-enkartament neċessarju, hija tkun lesta li tiffirma;

b. Ittra ffirmata mill-intimata ndirizzata lill-*manager* f'Bank ġewwa Jersey, fejn tat l-kunsens tagħha sabiex il-kont jingħalaq u kwalunkwe ammont misjub fil-kont għandu jingħata esklussivament lill-attur.

Fid-dawl tal-premess u in vista li hekk kif saħqet tajjeb l-Perit Legali:

"i. *Ġialadarba jirriżulta li sa mis-sena 2005 l-intimata kienet iddikjarat li lesta li tiffirma sabiex isir tali trasferiment;*
*ii. Ġialadarba jirriżulta li l-intimata ffirmat ikktra konġuntiva mal-attur u li permezz tagħha tat il-kunsens tagha sabiex tali flus jiġu trasferiti lill-attur b'mod esklussiv;*
*iii. Ġialadarba jirriżulta wkoll li tali flus ma setgħux jiġu rintraċċati;*
*iv. Ġialadarba m'hemm ebda prova fl-atti dwar jekk tali flus attwalment ġewx rintraċċati u jekk l-ittra konġuntiva tal-partijiet laħqitx l-iskop tagħha u ċioe' li l-flus jgħaddu għand l-attur u f'każ u dan sar f'liema ammont",*[159]

it-talbiet kif dedotti mill-attur f'dan ir-rigward ma jimmeBwx li jiġu milqugħa.

## DEĊIDE:

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u konsegwentament tgħaddi sabiex tiċħad *in toto* t-talbiet kollha tal-attur.

---

[159] Fol. 2667 - 2668.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jiġu sapportati kollha mill-attur.